

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Lulju 2007

dwar l-ghajjnuna statali Ċ 27/04 li r-Repubblika Ċeka implimentat għal GE Capital Bank a.s. u GE Capital International Holdings Corporation, l-Istati Uniti ta' l-Amerika

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1965)

(Il-verżjoni biċ-Ċek biss hija awtentika)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/214/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati biex jibagħtu l-kummenti tagħhom skond id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, u fid-dawl ta' dawn il-kummenti,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Fit-18 ta' Diċembru 2003, il-Kummissjoni rċeviet notifika dwar miżuri għall-benefiċċju ta' Agrobanka, Praha a.s. ("AGB") u GE Capital Bank, a.s.⁽¹⁾. ("GECB"), fil-proċedura dwar il-miżuri ta' l-ghajjnuna ("mekkaniżmu *interim*") previsti fl-Anness IV.3 ta' l-Att dwar il-kundizzjonijiet ta' adefżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-

Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka u l-Aġġustamenti li saru lit-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea⁽²⁾, iffirmata fis-16 ta' April 2003 ("l-Att ta' l-Adefżjoni").

(2) Permezz ta' ittra li l-Kummissjoni rċeviet fit-30 ta' April 2004, ir-Repubblika Ċeka rtirat in-notifika; fl-istess jum, ir-Repubblika Ċeka bagħtet notifika ġdida dwar l-istess suġġett.

(3) B'deċiżjoni ta' l-14 ta' Lulju 2004, il-Kummissjoni ddikkjarat li l-biċċa l-kbira mill-miżuri nnotifikati ma kinux applikabbli wara l-adeżjoni iżda fetħet proċedimenti taħt l-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE dwar miżuri oħra, billi dawn ta' l-aħħar tqiesu li kienu applikabbli wara l-adeżjoni u qajmu dubji serji dwar il-kompatibilità tagħhom mas-suq komuni. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*⁽³⁾. Il-Kummissjoni stiednet lil partijiet interessati biex jibagħtu l-kummenti tagħhom.

⁽¹⁾ Mis-17 ta' Jannar 2005 sar jissejjaħ GE Money Bank, a.s.

⁽²⁾ ĠU L 236, 23.9.2003, p. 23. Il-verżjoni Ċeka ġiet ippubblikata f'edizzjoni speċjali tal-ĠU tat-23.9.2003.

⁽³⁾ ĠU C 292, 30.11.2004, p. 3. *Corrigendum* ippubblikat fil-ĠU C 10 ta' l-14.1.2005, p. 9.

- (4) Fit-30 ta' Lulju 2004, is-16 ta' Awwissu 2004, it-22 ta' Settembru 2005 u t-18 ta' Mejju 2006, ir-Repubblika Ċeka rressqet l-osservazzjonijiet tagħha dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ u fis-17 ta' Diċembru 2004 GECB bagħat il-kummenti tiegħu. Fid-19 ta' Settembru u fil-11 ta' Novembru 2005 GECB bagħat kummenti supplimentari. Permezz ta' ittra tat-2 ta' Mejju 2006, il-Kummissjoni kkonfermat lil GECB li l-perjodu li matulu seta' jibgħat il-kummenti għe estiż sa tmiem Novembru 2005 skond l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE⁽¹⁾ ("ir-Regolament Proċedurali"). Permezz ta' ittra ta' l-10 ta' Mejju 2006, irreġistrata fit-18 ta' Mejju 2006, ir-Repubblika Ċeka infurmat lill-Kummissjoni li kienet irċeviet is-sottomissjonijiet ta' GECB. Fl-24 ta' Ġunju, id-29 ta' Settembru u l-25 ta' Ottubru 2005 kif ukoll fil-11 ta' Jannar u s-7 ta' Marzu 2006, saru laqgħat mar-rappreżentanti tar-Repubblika Ċeka u GECB. Fit-13 ta' Marzu 2007, irreġistrata fl-14 ta' Marzu 2007, ir-Repubblika Ċeka bagħtet iktar informazzjoni. Fil-15 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni kkonfermat lir-Repubblika Ċeka, skond l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Proċedurali, li l-perjodu li matulu setgħet tibgħat il-kumment għe estiż sa l-14 ta' Marzu 2007.

2. FATTI FL-ISFOND

2.1. Benefiċjarji ta' l-għajnuna

- (5) AGB, li għe stabbilit fl-1990, kien jopera bħala bank kummerċjali universali fir-Repubblika Ċeka. Sa l-1995, kien il-ħames l-ikbar bank fil-pajjiż u l-ikbar bank privat. Wara diffikultajiet finanzjarji, madankollu, il-liċenzja ta' AGB għet irtirata f'Settembru ta' l-1998 u bħalissa jinsab f'likwidazzjoni.
- (6) L-azzjonisti fundaturi ta' AGB kienu Československá obchodní banka, a.s. ("CSOB"), il-Ministeru ta' l-Agrikoltura tar-Repubblika Ċeka, Agropol, a.s., Agrodát, státní podnik u Stavoinvest Banská Bystrica. Fl-1995, il-kumpanija privata Motoinvest Group akkwistat kontroll f'AGB.
- (7) Wara l-impożizzjoni ta' amministrazzjoni nferzata fis-17 ta' Settembru 1996, inħolqu żewġ unitajiet organizzattivi, AGB1 u AGB2, fi ħdan AGB. L-attivitajiet bankarji ewlenin ta' AGB għaddew għand AGB1. F'Ġunju ta' l-1998, AGB1 inbiegħ lil GECB fi tranżazzjoni ta' l-assi. Il-partijiet li fadal minn AGB għadhom fil-proċess ta' likwidazzjoni.
- (8) GECB għe stabbilit fl-1998 bl-iskop li jakkwista AGB1. Issa qed jopera bħala bank universali fir-Repubblika Ċeka. Mis-17 ta' Jannar 2005, GECB ħa l-isem GE Money Bank, a.s. Huwa l-proprjetà assoluta ta' GE Capital International Holdings Corporation, l-Istati Uniti. (GECIH).
- ### 2.2. Is-sitwazzjoni finanzjarja ta' AGB
- (9) Id-diffikultajiet ta' AGB kienu diġà tfaċċaw fl-1993-1994. F'nofs id-disgħinijiet, is-settur bankarju sħiħ tar-Repubblika Ċeka għadda minn kriżi ekonomika serja li laqtet ukoll lil AGB. Barra dan, l-espansjoni rapida ta' AGB, flimkien ma' nuqqasijiet fil-ġestjoni tar-riskju u n-nuqqas ta' kontrolli interni, waslu għat deterjorament gradwali tal-portafoll tas-self ta' AGB. Fl-1993, AGB kellu telf ta' CZK 2 000 miljun u l-interess kien fin-negattiv (CZK -515-il miljun).
- (10) Fl-1993, il-Bank Nazzjonali Ċek ("CNB") ordna li AGB għandu jħejji u jimplementa programm ta' konsolidazzjoni sabiex ireġġa' lura l-adegwatezza kapitali tiegħu. Ir-Repubblika Ċeka spjegat li l-programm ta' konsolidazzjoni ma kienx jinvolvi miżuri pprovduti jew mogħtija mill-Istat. Minflok, kien se jimponi superviżjoni iktar mill-qrib ta' AGB. Fl-1996, AGB ma baqax konformi mat-termini tal-programm ta' konsolidazzjoni u wettaq operazzjonijiet riskjużi ħafna u kien qed jiffaċċja problemi ta' likwidità u d-deterjorament ta' l-assi tiegħu. Il-kriżi tal-likwidità u n-nuqqas ta' ħeġġa min-naħa ta' l-azzjonisti li jieħdu azzjonijiet xierqa ta' rimedju waslu għall-impożizzjoni ta' amministrazzjoni nferzata fuq AGB fis-17 ta' Settembru 1996.
- (11) Fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' AGB, il-verifika li saret wara l-impożizzjoni ta' l-amministrazzjoni nferzata (id-data tal-karta tal-bilanċ kienet is-16 ta' Settembru 1996) wriet telf ta' CZK -8 487 miljun u bilanċ ta' interess ta' CZK - 5 476 miljun. Il-verifika annwali regolari bid-data tal-karta tal-bilanċ tal-31 ta' Diċembru 1996 kienet turi telf ta' CZK -10 097 miljun u bilanċ ta' l-interess ta' CZK - 6 328 miljun.
- (12) Sabiex jiġu evitati l-konsegwenzi negattivi għas-settur bankarju Ċek kollu, ir-Repubblika Ċeka bdiet timplimenta miżuri bil-għan li AGB jiġi salvat u ristrutturatur. Madankollu, billi l-verifika ta' AGB li ssemmev hawn fuq li twettqu wara l-impożizzjoni ta' l-amministrazzjoni nferzata wrew telf ikbar mill-kapital tal-bank, tqies li l-aħħar mod kif tiġi żgurata l-vijabilità fit-tul ta' AGB kienet li tinholq unità organizzattiva separata, AGB1, għall-attivitajiet bankarji ewlenin ta' AGB. AGB2 kien magħmul primarjament minn telf ikklassifikat, telf mogħti lil sussidjarji magħżula ta' AGB jew entitajiet affiljati oħra, portafoll ta' assi magħżula, l-assi fissi kollha u xi wħud mill-assi mhux fissi. AGB1 imbagħad inbiegħ lil investitur strateġiku permezz ta' proċedura ta' offerti miftuħa, bla kundizzjonijiet u trasparenti.

(1) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

2.3. L-offerta

- (13) L-Amministratur Infurzat ħabbar offerta pubblika għall-bejgħ ta' AGB1 f'April ta' l-1997. Fil-proċedura ta' offerti sussegwenti, GE Capital Corporation baqa' l-unika parti interessata fix-xiri ta' AGB1. AGB1 imbagħad nbiegħ lil GECB fit-22 ta' Ġunju 1998 għal madwar CZK 304 miljun, soġġett għall-garanziji u *put option*. Il-garanziji huma deskritti fiktur dettall fil-premessi (19) sa (26) u l-put option fil-premessi (27) sa (32).

- (14) Miżura waħda li ma hemmx għalfejn titqies iktar hija l-Garanzija tad-Depożitur mogħtija minn CNB favur il-kredituri kollha ta' AGB meta AGB iltaqa' għall-ewwel darba mad-diffikultajiet f'Settembru ta' l-1996. Il-Garanzija tad-Depożitur kopriet il-passiv kollu ta' AGB inkluż l-interess pagabbli, irreġistrat fil-kontijiet ta' AGB mis-17 ta' Settembru 1996. Kwalunkwe passiv li mmatura b'terminu fiss ġie ggarantit sal-maturità. Il-passiv li ma kellux terminu fiss għall-maturità ġie ggarantit għal perjodu ta' 12-il xahar wara t-tlestija ta' l-amministrazzjoni nfużata ta' AGB. Il-passiv li ġġarrab minn AGB wara s-17 ta' Settembru 1996 ġie ggarantit sad-data rispettiva tiegħu ta' maturità jew massimu ta' 12-il xahar wara t-tlestija ta' l-amministrazzjoni nfużata ta' AGB, skond liema minnhom tkun l-ewwel. Il-garanzija ma stabbiliex limitu massimu għall-passiv iggarantit għall-kredituri ta' AGB. Mill-31 ta' Diċembru 2003, madankollu, kien hemm depożitu wieħed biss ta' CZK 867 882 li potenzjalment seta' jaqa' taħt il-Garanzija tad-Depożitur. ⁽¹⁾

- (15) Fil-kuntest tal-bejgħ, il-kumpanija prinċipali ta' GECB, GECIH, ħadet fuqha l-obbligi ta' CNB taħt il-Garanzija tad-Depożitur permezz ta' kontrogaranzija li skadiet fit-22 ta' Ġunju 2000. Mill-bidu, il-kontrogaranzija kienet tispiċċa fil-każ li GECIH jeżerċita d-dritt tiegħu ta' put option għall-ishma f'GECB. Wara l-bejgħ ta' AGB1 lil GECB, il-bqija ta' AGB, inkluż AGB2, għaddiet f'likwidazzjoni. Fil-proċess ta' likwidazzjoni li għaddej CNB huwa l-uniku kreditur ta' AGB.

2.4. Is-sitwazzjoni finanzjarja ta' GECB

- (16) Ir-riżultati tan-negozju bankarju ta' AGB tjebu sostanzjalment mindu akkwistah GECB.

⁽¹⁾ Il-Garanzija tad-Depożitur hija miżura nnotifikata mir-Repubblika Ċeka taħt il-mekkaniżmu *interim*. Il-miżura tqieset li ma kinitx applikabbli wara l-adeżjoni fid-Deċiżjoni ta' l-14 ta' Lulju 2004 msemmija fil-premessa (3) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, billi kien għad fadal klejm waħda biss iddefinita b'mod ċar taħt il-Garanzija tad-Depożitur. Il-Kummissjoni, għalhekk, qieset li l-esponent potenzjali tar-Repubblika Ċeka kien definit b'mod ċar qabel l-adeżjoni.

| Sena | Dħul Nett (f'miljuni ta' CZK) | Proporzjon ta' adegwatezza tal-kapital (Skala 2) |
|------|-------------------------------|--|
| 1998 | - 16 500 | Negattiv ⁽²⁾ |
| 1999 | 980 | 74 % |
| 2000 | 720 | 48 % |
| 2001 | 840 | 41 % |
| 2002 | 911 | 30 % |
| 2003 | 1 988 | 25 % |
| 2004 | 2 242 | 24 % |

2.5. Sforzi ta' ristrutturar li saru minn AGB, GECB u GECIH

- (17) Ir-Repubblika Ċeka u GECB jistqarru li AGB, GECB u GECIH adottaw miżuri biex inaqqsu l-involvement ta' l-istat fir-ristrutturar ta' AGB. Il-passi kompensatorji ta' AGB kienu jikkonsistu fil-bdil ta' l-assi ta' AGB innifsu f'assi likwidi u partikolarment fil-bejgħ ta' ċerti sussidjarji ta' AGB lil Raiffeisen Bank. Dan naqqas is-sehem mis-suq ta' AGB kif imkejjel mis-sehem ta' AGB ta' assi bankarji totali jew ċerti klassijiet ta' assi. Apparti dan, AGB naqqas l-għadd ta' impjegati minn madwar 3 500 fl-1996 għal madwar 2 500 impjegat fl-1998.
- (18) Kien argumentat li GECB u GECIH ikkontribwew għar-ristrutturar billi ħallsu l-prezz tax-xiri, permezz tal-garanziji tax-xerrej fl-Att tal-Garanzija msemmija fil-premessa (20) u bil-kontrogaranzija fil-Ftehim ta' Indennità msemmi hemmhekk li bihom GECIH akkwista l-interess ta' CNB ("il-Garanzija tad-Depożitur") fil-konfront tal-kredituri ta' AGB. Barra minn hekk, il-grupp GE jemmen li hu kkontribwixxa permezz tal-Put Option kif ukoll permezz tar-reputazzjoni eċċellenti tiegħu.

3. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI

- (19) Fid-Deċiżjoni tagħha ta' l-14 ta' Lulju 2004, il-Kummissjoni evalwat il-miżuri li kienu nnotifikati lilha u waslet għall-konklużjoni li l-biċċa l-kbira tagħhom ma jaqgħux fl-ambitu tal-mekkaniżmu *interim* tat-Trattat ta' l-Adeżjoni. Dawn il-miżuri ma waslux għal iktar esponiment finanzjarju tar-Repubblika Ċeka wara d-data ta' l-adeżjoni u għalhekk ma kinux applikabbli wara l-adeżjoni. Madankollu, żewġ ġabriet ta' miżuri tqiesu li kienu applikabbli wara l-adeżjoni, u potenzjalment jikkostitwixxu għajnunata statali inkompatibbli mas-suq komuni - l-ewwel il-Garanzija u l-Indennitajiet u t-tieni, il-Put Option.

⁽²⁾ Il-karta tal-bilanċ ta' AGB1 mill-21 ta' Ġunju 1998 irreġistrat interess totali ta' - CZK 17 100 miljun. GECB ġie ffundat b' CZK 500 miljun kapital fishma.

Il-“Garanziji u l-Indennitajiet”

- (20) Matul il-bejgħ ta' AGB1 lil GECB, AGB bħala l-bejgiegħ ta' AGB1 daħal f'għadd ta' arranġamenti ta' garanzija favur GECB li huma stipulati fl-Att tal-Garanziji, iffirmit fil-21 ta' Ġunju 1998. CNB ma kienx parti ta' dan il-ftehim. Madankollu, l-impenji li ħa AGB fl-Att tal-Garanziji kienu appoġġjati minn CNB fil-Ftehim ta' l-Indennità, iffirmit fit-22 ta' Ġunju 1998 u emendat fil-25 ta' April 2004 mill-Emenda Nru 1 għall-Ftehim ta' l-Indennità (“il-Ftehim ta' l-Indennità”) ⁽¹⁾.
- (21) L-awtoritajiet Ċeki pprovdew listi ta' l-arranġamenti tal-garanzija bħala parti mill-Pjan ta' Salvataġġ u Ristrutturar li jiffirma parti min-notifika.
- (22) Fin-notifika, ir-Repubblika Ċeka qalet li l-lista marbuta ma' l-Att tal-Garanziji “mhux eżawrjenti”. Fil-kummenti tagħha dwar id-deċiżjoni li tinfetħa proċedura formali ta' investigazzjoni, madankollu, ir-Repubblika Ċeka ċċarat li l-lista tabilħaqq tinkludi listi eżawrjenti għall-klejms potenzjali kollha. Il-kliem “mhux eżawrjenti” sempliċement fissru li l-listi ma jirrepetux it-testi sħaħ tal-ftehimiet sottostanti. GECB argumenta li, fil-fatt, il-lista “eżawrjenti” biss dwar il-Ftehim ta' l-Indennità tkun rilevanti għaliex il-lista l-oħra hija marbuta biss mal-klejms taħt l-Att tal-Garanziji, li huwa ftehim bejn partijiet privati li ma jistax ikun rilevanti għal finijiet ta' l-għaj-nuna statali.
- (23) Ħafna mill-klejms potenzjali kienu diġà skadew qabel l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka ma' l-Unjoni Ewropea. Fid-Deċiżjoni tagħha ta' l-14 ta' Lulju 2004, il-Kummissjoni ddiċjarat li dawk il-miżuri li diġà skadew qabel l-adeżjoni mhumiex applikabbli wara l-adeżjoni. Fir-rigward tal-miżuri l-oħra, il-Kummissjoni fetħet proċedura formali ta' investigazzjoni.
- (24) Il-ftuħ tal-proċedura formali ta' investigazzjoni tikkonċerna wkoll miżuri li għalihom ir-Repubblika Ċeka ma talbietx evalwazzjoni taħt il-mekkaniżmu *interim*. Partikolarment, ċerti Garanziji u Indennitajiet u l-*Put Option*, li ġew deskritti fin-notifika iżda ma ġewx inklużi fit-talba għall-evalwazzjoni. Fid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ proċedura formali ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni spjegat li skond il-mekkaniżmu *interim* ta' l-Anness IV.3 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ma kienx hemm obbligu min-naħa tal-pajjiżi li kienu qed jissiehu li jinnotifikaw il-miżuri u, għalhekk, fil-prinċipju, ma kienx possibbli li jiġi llimitat l-ambitu tan-notifika. Madankollu, il-Kummissjoni qieset li l-Garanziji u l-Indennitajiet u l-*Put Option* kienu marbutin sewwa mal-miżuri nnotifikati u ma jstgħux jinfirdu b'mod artifiċjali. Konsegwentement, il-Kummissjoni kellha tevalwa l-miżuri kollha kemm huma.
- (25) L-arranġamenti tal-garanzija li l-Kummissjoni fetħet il-proċedura dwarhom jingħataw fil-qosor hawn-hekk:
- (26)

Tabella 1

Garanziji u Indennitajiet li jiskadu fit-22 ta' Ġunju 2008

| Kontenut | Limitazzjoni ta' l-ammont |
|--|--------------------------------------|
| 1. Indennità għal kwalunkwe litiġju li jaffettwa ħażin in-negozju bankarju: AGB qabel li jagħti indennità lil GECB, GECB u persuni ta' xerrejja oħra (ix-Xerrej) fir-rigward ta' kwalunkwe telf li jirriżulta minn kwalunkwe klejm li titressaq kontra x-Xerrej b'riżultat ta' kwalunkwe kwistjoni li sseħħ qabel id-Data ta' l-Għeluq li taffettwa b'mod ħażin in-negozju bankarju. <i>Klawżola 5.1(a)(i)</i> ⁽²⁾ | Limitu aggregat ta' CZK 2 000 miljun |
| 2. Indennità għall-ksur tal-liġi: AGB qabel li jagħti indennità lix-Xerrej fir-rigward ta' kwalunkwe telf li jirriżulta minn kwalunkwe ksur mill-Bejgiegħ qabel id-data ta' l-għeluq ta' kwalunkwe liġi jew regolament applikabbli li jaffettwa b'mod ħażin in-negozju bankarju. <i>Klawżola 5.1(a)(ii)</i> | Limitu aggregat ta' CZK 2 000 miljun |

⁽¹⁾ Sakemm mhux indikat xort'oħra, ir-referenzi kollha għall-Ftehim ta' l-Indennità jirreferu għall-Ftehim ta' l-Indennità kif emendat mill-Emenda Nru 1 għall-Ftehim ta' l-Indennità tal-25 ta' April 2004.

⁽²⁾ Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, ir-referenzi kollha għal klawżoli huma għal klawżoli fl-Att tal-Garanziji.

| Kontenut | Limitazzjoni ta' l-ammont |
|---|--|
| <p>3. Indennità fir-rigward ta' litiġju dwar impjeggi: AGB qabel li jagħti indennità lix-Xerrej fir-rigward ta' kwalunkwe telf li jirriżulta minn telf li jirriżulta minn kwalunkwe klejm kontra GECB minn kwalunkwe impjegat fir-rigward ta' kwalunkwe att jew ommissjoni vera jew allegata jew ommissjoni mill-Bejjiegħ qabel id-Data ta' l-Għeluq. <i>Klawżola 5.1(a)(v)</i></p> | <p>Limitu aggregat ta' CZK 2 000 miljun</p> |
| <p>4. Indennità fir-rigward ta' litiġju dwar impjeggi: AGB qabel li jagħti indennità lix-Xerrej fir-rigward ta' kwalunkwe telf li jirriżulta minn telf li jirriżulta minn kwalunkwe klejm marbuta ma' kwalunkwe dmir jew responsabbiltà kuntrattwali ta' impjeg ma' kwalunkwe impjegat jew kwalunkwe impjegat fil-passat, eżistenti jew futur tal-Bejjiegħ li huwa impjegat marbut ma' AGB2. <i>Klawżola 5.1(a)(vi)</i></p> | <p>Limitu aggregat ta' CZK 2 000 miljun</p> |
| <p>5. Azzjoni għad-dikjarazzjoni ta' invalidità tal-ftehim dwar il-bejgħ ta' AGB1 lil GECB li tressqet fis-27 ta' Lulju 1998 mal-Qorti Kummerċjali Reġjonali fi Praga minn Václav Sládek kontra AGB fil-likwidazzjoni u x-Xerrej; u bl-assoċjazzjoni ta' azzjonisti minoritarji ta' AGB bħala kwereganti. (Indennità bbażata fuq il-<i>Klawżola 4.1 tal-Ftehim ta' l-Indennità</i>).</p> | <p>Limitu aggregat ta' CZK 15 000 miljun</p> |
| <p>6. Azzjoni għad-dikjarazzjoni ta' invalidità tal-ftehim dwar il-bejgħ ta' AGB1 lil GECB li tressqet fit-22 ta' Ġunju 2001 mal-Qorti Kummerċjali Reġjonali fi Praga minn Petr Maur, František Vysloužil, Pavel Tykač, Karel Tománek, Pavel Šimek u Tomáš Fohler kontra AGB fil-likwidazzjoni, ix-Xerrej u Jiří Klumpar; u bl-assoċjazzjoni ta' azzjonisti minoritarji ta' AGB bħala kwereganti. (Indennità bbażata fuq il-<i>Klawżola 4.1 tal-Ftehim ta' l-Indennità</i>).</p> | <p>Limitu aggregat ta' CZK 15 000 miljun</p> |
| <p>7. Azzjoni għad-Dikjarazzjoni tal-Validità tal-Ftehim dwar il-bejgħ ta' AGB1 lil GECB li tressqet fit-18 ta' Ġunju 2002 mal-Qorti Muniċipali fi Praga minn HZ Praha, spol. s.r.o.kontra AGB fil-likwidazzjoni, ix-Xerrej u Jiří Klumpar; (Indennità bbażata fuq il-<i>Klawżola 4.1 tal-Ftehim ta' l-Indennità</i>).</p> | <p>Limitu aggregat ta' CZK 15 000 miljun</p> |
| <p>8. Applikazzjoni għar-Reġistrazzjoni tal-Bejgħ ta' AGB1 fir-Reġistru Kummerċjali li saret fit-18 ta' Ottubru 1999 u li fiha l-applikant huwa attwalment AGB fil-likwidazzjoni u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Muniċipali ta' l-Istat fi Praga ssieħeb bħala parti fil-proċediment. (Indennità bbażata fuq il-<i>Klawżola 4.1 tal-Ftehim ta' l-Indennità</i>).</p> | <p>Limitu aggregat ta' CZK 15 000 miljun</p> |
| <p>9. Kwalunkwe klejm għal indennità dwar il-validità jew il-leġittimità tal-bejgħ ta' AGB1 lix-Xerrej imressqa minn:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Il-Bejjiegħ, CNB, jew azzjonist, likwidatur, id-depożitarju tal-falliment, awditur jew amministratur infurzat tal-Bejjiegħ, — Membru ta' entità korporattiva tal-Bejjiegħ jew ix-Xerrej, — Impjegat, persuna li tissellef, klijent, sellief, jew kreditur lill-Bejjiegħ jew ix-Xerrej, — Eredi, suċċessur legali jew assenjarju, likwidatur, depożitarju tal-falliment, riċevitur, depożitarju, amministratur jew amministratur infurzat (jew persuna li għandha setgħat simili), jew assoċjazzjoni ta' wieħed jew iktar mill-individwi jew l-entitajiet elenkati hawn fuq, jew — Prosekutur ta' l-Istat Ċek, l-awtorità kriminali Ċeka, jew l-awtorità tat-taxxa Ċeka, li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-Bejjiegħ jew ix-Xerrej. <p>(Indennità bbażata fuq il-<i>Klawżola 4.1 tal-Ftehim ta' l-Indennità</i>).</p> | <p>Limitu aggregat ta' CZK 15 000 miljun</p> |

Tabella 2

Garanziji u Indenizzi li jiskadu fit-22 ta' Ġunju 2010

| Kontenut | Limitazzjoni ta' l-ammont |
|--|---------------------------------------|
| <p>1. Taxxi: AGB jiżgura li hu</p> <p>(i) kkonforma mar-rekwiżiti rilevanti taż-żamma tat-taxxa imposti mil-liġijiet applikabbli,</p> <p>(ii) li qal lix-Xerrej dwar l-eżistenza ta' kwalunkwe taxxa li kwalunkwe awtorità tat-taxxa qed tistqarr li hija dovuta minn AGB,</p> <p>(iii) ma hemm pendenti ebda verifika tat-taxxi jew, sa fejn jaf AGB, m'hemmx verifika mhedda fir-rigward ta' kwalunkwe taxxa dovuta minn AGB, u</p> <p>(iv) ma kienx u mhuwiex fi ksur ta' kwalunkwe liġi applikabbli dwar it-taxxa, li tista' toħloq obbligu għax-Xerrej u</p> <p>(v) ebda taxxa mhi se tkun imposta fuq ix-Xerrej b'riżultat tal-konsumazzjoni tat-tranżazzjonijiet ikkontemplati. <i>Il-Klawżola 2.14(c) u (d)</i></p> | Limitu aggregat ta' CZK 2 000 miljun |
| <p>2. Kwistjonijiet ambjentali: AGB jiżgura li, sa fejn jaf hu, ma hemm ebda sustanza perikoluża fi stabbilimenti ta' AGB1 f'konċentrazzjonijiet li jisbqu dawk permessi mil-liġi applikabbli. <i>Il-Klawżola 2.20</i></p> | Limitu aggregat ta' CZK 5 000 miljun |
| <p>3. Taxxi marbutin mat-tranżazzjoni: AGB jiżgura li ebda taxxa mhi se tkun imposta fuq ix-Xerrej b'riżultat tat-konsumazzjoni tal-bejgħ. <i>Il-Klawżola 2.14(e)</i></p> | Limitu aggregat ta' CZK 15 000 miljun |
| <p>4. Assi u obbligi mhux marbuta man-negozju: AGB qabel li jagħti indennità lix-Xerrej fir-rigward ta' kwalunkwe telf li jirriżulta minn kwalunkwe klejm marbuta ma' kwalunkwe assi mhux marbuta man-negozju jew kwalunkwe obbligu mhux marbut man-negozju. <i>Il-Klawżola 5.1(a)(iv)</i></p> | Limitu aggregat ta' CZK 5 000 miljun |
| <p>5. Obbligi tad-dwana u s-sisa: AGB qabel li jagħti indennità lix-Xerrej fir-rigward ta' telf li jirriżulta minn klejms li jitressqu kontrih mill-awtoritajiet Ċeki tad-dwana u s-sisa marbuta mal-Garanzija Doganali ta' AGB. <i>Il-Klawżola 5.1(a)(iv)</i></p> | Limitu aggregat ta' 5 000 miljun |

Tabella 3

Garanziji u Indenizzi li jiskadu fit-22 ta' Ġunju 2013

| Kontenut | Limitazzjoni ta' l-ammont |
|---|--------------------------------------|
| <p>1. Operazzjonijiet ta' AGB1: AGB jiżgura li, ħliet kif stipulat fl-iskedi tad-dokumenti ta' tranżazzjoni, ebda assi jew passiv ieħor ma jagħmel parti minn AGB1. <i>Il-klawżola 2.22.</i></p> | Limitu aggregat ta' CZK 2 000 miljun |
| <p>2. Awtorizzazzjoni: AGB jiżgura s-setgħa sħiħa u l-awtorizzazzjoni sħiħa tiegħu biex jiffirmaw id-dokumentazzjoni kuntrattwali u jimplementa t-tranżazzjoni. AGB jiżgura wkoll li l-kuntratti jorbtu u infurzabbli fil-konfront tiegħu. <i>Il-klawżola 2.4.</i></p> | Limitu aggregat ta' CZK 2 000 miljun |
| <p>3. Validità tal-bejgħ: AGB qabel li jagħti indennità lix-Xerrej fir-rigward ta' kwalunkwe telf li jirriżulta minn kwalunkwe klejm marbuta mal-validità jew il-legalità tal-kontratt tal-bejgħ ta' AGB1. <i>Klawżola 5.1(a)(iii)</i></p> | Limitu aggregat ta' CZK 2 000 miljun |

Tabella 4

Garanzji u Indenizzi li jiskadu 15-il sena wara l-għeluq

| Kontenut | Limitazzjoni ta' l-ammont |
|---|--------------------------------------|
| 1. Telf ambjentali: AGB qabel li jagħti indennità lix-Xerrej fir-rigward ta' kwalunkwe telf ambjentali li x-xerrej jista' jġarrab fir-rigward ta' l-istabbilimenti fiżiċi ta' AGB1 u li jirriżulta minn kundizzjoni li kienet teżisti qabel l-għeluq. <i>Il-klawżola 5.1.(b)</i> | Limitu aggregat ta' CZK 5 000 miljun |

Il-Put Option

- (27) Fit-22 ta' Ġunju 1998, CNB u GECIH issieħbu fl-Att tal-Put Option li jipprovdi li, f'ċerti ċirkostanzi, GECIH huwa intitolat jirrikjedi li CNB jixtri mingħand GECIH l-ishma kollha tiegħu f'GECB.

ma seħħx. Intqal li dan jista' jinvolvi pagamenti jew it-trasferiment ta' assi lil GECB. Id-dritt tal-Put Option jiskadi fit-22 ta' Ġunju 2008:

- (28) Jibqa' żewġ avvenimenti li jippermettu lil GECIH jeżerċita l-Put Option. Dawn huma:

Il-“Put Price”

- (31) Il-prezz li bih CNB għandu jixtri l-ishma kollha f'GECB ivarja skond id-data li fiha tiġi eżerċitata l-Put Option. Minn Ġunju 2003 sad-data meta d-dritt għall-Put Option jiskadi, il-Put Price ikun l-ikbar wieħed minn dawn li ġejjin:

- (a) deċiżjoni jew sentenza li tordna jew tiddikjara t-tranżazzjonijiet mill-Ftehim tax-Xiri bħala nulli jew invalidi jew li llikwidat jew li kwalunkwe parti ta' l-assi ta' AGB1 tiġi rritornata jew li

- (a) l-ammont aġġustat ta' likwidazzjoni;

- (b) CNB jagħżel li ma jagħtis ħlasijiet ta' indennità taħt il-“Ftehim ta' Indennità” għal iktar minn CZK 2 000 miljun jew jekk CNB ma jagħmilx dawn il-ħlasijiet.

- (b) il-valur nett ta' l-assi ta' GECB mid-data li fiha ġie ddeterminat il-put price;

- (29) Wara l-kjarifiki li għamlet ir-Repubblika Ċeka u GECB, il-Kummissjoni tqis li l-avveniment għall-eżerċizzju msemmi fil-punt (b) tal-premessa (28) tirreferi biss għal rifjuti li jsiru l-ħlasijiet taħt il-Klawżola 4.1, il-Klawżola 8.3 tal-Ftehim ta' l-Indennità li tikkonċerna klejms għall-invalidità tal-bejgħ ta' AGB1 lil GECB ⁽¹⁾.

- (c) il-valur tas-suq ġust ta' GECB mid-data li fiha ġie ddeterminat il-put price.

Fil-każ li l-prezz tax-xiri jiġi ddeterminat mill-valur tas-suq ġust imsemmi fil-punt (c) l-avvenimenti li jwasslu għad-dritt li jiġi eżerċitat il-Put Option ma jitqisux.

- (30) CNB għandu d-dritt li jirrimedja avveniment li jwassal għall-Put Option billi jqiegħed lil GECB u GECIH fl-istess pożizzjoni bħall-ikieku jkunu fiha jekk dan l-avveniment

- (32) Ir-Repubblika Ċeka infurmat lill-Kummissjoni li CNB u GECB għandhom il-ftehim li għad-determinazzjoni tal-put price, kellha tinkiseb l-opinjoni ta' parti terza indipendenti fiċ-ċirkostanzi kollha u li din l-opinjoni tkun torbot il-partijiet.

⁽¹⁾ Il-Klawżola 8.3 tal-Ftehim ta' l-Indennità fiha l-garanzija ta' CNB li għandu s-setgħa u l-awtorità sħiħa li jidħol u jwettaq il-Ftehim tax-Xiri u li l-eżekuzzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim tax-Xiri mhux se jirriżulta fi ksur tal-liġi. Il-Klawżola 4.1 tal-Ftehim ta' l-Indennità fiha l-obbligu korrispondenti ta' indennità.

4. IL-KUMMENTI LI WASLU WARA L-FTUĦ TAL-PROCĊEDIMENT FORMALI TA' INVESTIGAZZJONI

4.1. Kummenti mir-Repubblika Ċeka

- (33) Ir-Repubblika Ċeka tqis li l-miżuri li qed jiġu evalwati mhumiex applikabbli wara l-adeżjoni. Ir-responsabbiltà potenzjali ta' l-Istat tkun limitata fiż-żmien u l-ammont billi l-esponiment massimu ta' l-Istat Ċek huwa fiss u ma jistax jiżdied fil-ġejjieni. Ukoll, il-lista marbuta ma' l-Att tal-Garanziji hija eżawrjenti. Definizzjoni dettaljata supplimentari ta' l-esponiment ma tkunx meħtieġa. Partikolarment, ir-Repubblika Ċeka ma tistax tara r-relevanza tal-kapaċità għall-previżjoni ta' min jista' jressaq klejm u fuq liema bażi tista' titressaq. Ir-Repubblika Ċeka sserraħ ukoll fuq il-garanzija mogħtija mill-Istat għall-benefiċċju ta' *Komercni banka* fejn il-Kummissjoni aċċettat livell simili ta' definizzjoni bħala suffiċjenti biex tqis li l-miżura mhijiex applikabbli wara l-adeżjoni. Ukoll, fil-każ ta' *Slovenska sporitelna* il-Kummissjoni aċċettat grad inqas ta' definizzjoni għaliex, f'dak il-każ, grupp magħluq biss ta' rikorrenti potenzjali seta' jiġi identifikat iżda mhux klejms individwali. Fi kwalunkwe każ, fir-rigward ta' l-erba' klejms individwali taħt il-Klawżola 4.1, ir-rekwiżiti tal-Kummissjoni biex miżura titqies li mhijiex applikabbli wara l-adeżjoni ġew sodisfatti. Barra minn hekk, f'Mejju 2006, ir-Repubblika Ċeka ressqet lista li tinkludi l-ismijiet ta' l-azzjonisti kollha ta' AGB fit-30 ta' April 2004. Ir-Repubblika Ċeka temmen li għal kwalunkwe klejm minn dawn l-azzjonisti msemmija taħt il-Klawżola 4.1 tal-Ftehim ta' l-Indennità, ir-rekwiżit tal-Kummissjoni dwar il-klassifikazzjoni huwa sodisfatt.
- (34) Fir-rigward tal-Put Option, ir-Repubblika Ċeka temmen li n-natura partikolari tal-Put Option tfisser li mhijiex suxxettibbli għal evalwazzjoni taħt il-mekkaniżmu *interim* jew il-proċedura attwali billi se tiġi eżerċitata biss fil-ġejjieni. Ir-Repubblika Ċeka tistqarr li hija tkun lesta li tinnotifika l-Put Option għal evalwazzjoni mill-Kummissjoni ladarba tiġi eżerċitata. Fi kwalunkwe każ, fir-rigward ta' l-erba' klejms individwali għall-invalidità li jissemmew fil-Klawżola 4.1, il-Put Option tissodisfa r-rekwiżiti tal-Kummissjoni biex titqies li mhijiex applikabbli wara l-adeżjoni. Il-Put Price ikun limitat permezz ta' formola li tiġi applikata minn espert indipendenti.
- (35) Apparti dan, ir-Repubblika Ċeka tisħaq li l-miżuri mhumiex għajjnuna statali billi biex l-Istat jillikwida lil AGB kien iqumli iktar milli biex jadotta l-miżuri li ħa biex jiffaċilita l-bejgħ. Ukoll, il-miżuri kkonċernati jirrappreżentaw prassi kummerċjali standard li ma kinitx tinvolvi benefiċċju mhux tas-soltu u l-impatt fuq il-kummerċ kien ikun żgħir. Barra minn hekk, billi AGB1 inbiegħ bi proċedura ta' offerti mingħajr kundizzjonijiet u miftuħa, GECB ma ħax benefiċċji billi ħallas il-prezz tas-suq għan-negozju bankarji ta' AGB. Kwalunkwe benefiċċju għax-xerrej (AGB) kien jisfa' fix-xejn, ladarba AGB qed jiġi llikwidat u ma għadux attiv fis-suq.
- (36) Jekk il-miżuri jikkostitwixxu għajjnuna, ir-Repubblika Ċeka targumenta li l-għajjnuna hija kompatibbli mas-suq komuni. Fid-dawl tas-sitwazzjoni speċifika fir-Repubblika Ċeka u l-pekularitajiet tal-proċess ta' l-adeżjoni, il-Kummissjoni kellha tinterpreta d-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-Linji ta' Gwida Komunitarji ta' l-1994 dwar l-Għajjnuna Statali għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' kumpaniji fid-diffikultà⁽¹⁾ ("il-Linji ta' Gwida ta' l-1994") b'mod iktar ġeneruż milli għamlet fid-deċizzjoni li tiftaħ il-proċedura formali ta' investigazzjoni.
- (37) Ir-Repubblika Ċeka tqis li l-Artikolu 87(2)(b) KE u l-Artikolu 87(3)(b) KE japplikaw fil-kuntest attwali u jagħmlu l-miżuri kompatibbli mas-suq komuni.
- (38) Fir-rigward tal-Linji ta' Gwida ta' l-1994, ir-Repubblika Ċeka tinnotta li kien hemm kunċett ġenerali għar-ristrutturar tan-negozju bankarju ta' AGB u f'każi oħra l-Kummissjoni ma kinitx insistiet fuq eżistenza stretta tal-pjan ta' ristrutturar. Ir-Repubblika Ċeka tqis ukoll li l-miżuri jistgħu jitqiesu biss bħala għajjnuna lil AGB iżda mhux għajjnuna lil GECB jew GECIH billi l-miżuri kollha kienu mmirati lejn l-għan waħdieni li tiġi żgurata l-vijabilità fit-tul tan-negozju bankarju ta' AGB. Apparti minn hekk, il-Linji ta' Gwida ta' l-1994 ma jinkludux projbizzjoni kontra l-għajjnuna lil kumpaniji li għadhom kemm jinħolqu. Billi ma kienx hemm eċċess strutturali ta' kapaċità, ma għandux ikun hemm rekwiżit strett ta' tnaqqis jew għeluq tal-kapaċità. AGB/GECB mhux se jibqgħu b'eċċess ta' likwidità, u din kieku tkun il-kwistjoni ewlenija taħt il-Linji ta' Gwida ta' l-1994 meta tkun qed titqies il-proporzjonalità. Ukoll, il-kontributi mill-investituri kienu biżżejjed. Il-proporzjonijiet relattivament għolja ta' adegwatezza kapitali jkunu sempliċement l-effett tekniku tal-metodu magħżul għall-kontribut kapital.
- (39) Ir-Repubblika Ċeka tqis ukoll li l-Artikolu 46(2) tal-Ftehim ta' l-Ewropea ("EA") japplika fil-kuntest attwali. L-Artikolu 46(2) EA ma jillimitax it-tip ta' miżuri li jistgħu jkunu permissibbli, u lanqas ma jipprojbixxi miżuri ta' għajjnuna Statali. Barra minn hekk, fil-każ ta' *Komercni banka*, il-Kummissjoni applikat l-Artikolu 46(2) EA.
- (40) Jekk, madankollu, il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li l-miżuri huma applikabbli wara l-adeżjoni u jirrappreżentaw għajjnuna statali inkompatibbli, il-Kummissjoni għandha tippermetti tneħħija gradwali adegwata tal-Garanziji u l-Indennitajiet u l-Put Option. Dan ikun iġġustifikat mill-fatt li CNB u GE kellhom aspettativi leġittimi dwar il-karattru vinkolanti tad-dispożizzjonijiet.

(1) ĠU C 368, 23.12.1994, p. 12.

- (41) Fit-13 ta' Marzu 2007, ir-Repubblika Ċeka infurmat lill-Kummissjoni li fit-28 ta' Frar 2007, GECH u GECB kienu rrinunzjaw unilateralment u mingħajr kundizzjonijiet il-Garanziji u l-Indennitajiet taħt it-Taqsima 3.1 tal-Ftehim ta' l-Indennitajiet għal kwalunkwe telf u għat-telf kollu marbut mal-falliment tax-xerrej ta' AGB1 li jissodisfa l-obbligi tiegħu skond il-garanziji u l-indennitajiet mogħtija mill-bejgiegħ fil-Klawżola 5(1)(a)(i), il-Klawżola 5(1)(a)(ii), il-Klawżola 5(1)(a)(iii), il-Klawżola 5(1)(a)(v), il-Klawżola 5(1)(a)(vi) u l-Klawżola 5(1)(b). Dawn l-obbligi jikkorrispondu għall-Garanziji u l-Indennitajiet stipulati fil-premessa 26 fi:
- (a) it-Tabella 1 Nru 1 ("Indennità għal kwalunkwe litiġju li jaffettwa ħażin in-negozju bankarju"),
- (b) it-Tabella 1 Nru 2 ("Indennità għal kwalunkwe ksur tal-liġi"),
- (ċ) it-Tabella 1 Nru 3 ("Indennità fir-rigward ta' litigji dwar l-impjegji"),
- (d) it-Tabella 1 Nru 4 ("Indennità fir-rigward ta' litigji dwar l-impjegji"),
- (e) it-Tabella 3 Nru 3 ("Validità tal-bejgħ"),
- (f) it-Tabella 4 Nru 1 ("Telf ambjentali").
- (42) Ir-rinunzja ħadet effett *ab initio* ta' dawn il-Garanziji u Indennitajiet u għalhekk tagħmilhom invalidi b'effett retroattiv mid-data tal-ftehim. Ir-Repubblika Ċeka infurmat ukoll lill-Kummissjoni li ebda klejm għal indennità ma tressqet minn GECH jew GECB taħt dawn id-dispożizzjonijiet sad-data tar-rinunzja.
- (43) GECB iressaq argumenti simili għal dawk imressqa mill-awtoritajiet Ċeki u jikkontesta l-applikabilità tal-miżuri kif ukoll in-natura tagħhom ta' "għajjnuna". Jekk il-miżuri jikkostitwixxu għajjnuna, huwa jargumenta li din l-għajjnuna hija kompatibbli mas-suq komuni.
- (44) GECB jinnota li minn sitta sa tmien snin qabel l-adeżjoni l-partijiet ma setgħux jipprevedu li se jiġi introdott mekkaniżmu interim biex jikkontrolla l-għajjnuna statali qabel l-adeżjoni. Il-Kummissjoni missha qieset dan il-fatt hija u tinterpreta l-kunċett ta' l-applikabilità wara u hija u tapplika r-regoli dwar l-għajjnuna statali.
- (45) GECB jemmen li l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni ta' "applikabilità wara" tal-garanziji kif applikati fid-deċiżjoni biex tiftaħ il-proċedimenti kienet restrittiva wisq. Fil-każ preżenti, il-klejms kollha potenzjali jkunu limitati b'ammonti massimi u limitati fiż-żmien. Il-klejms ipprovduti fil-listi sottomessi huma eżawrjenti fis-sens li jelenkaw ir-raġunijiet potenzjali kollha għall-klejms. Il-kliem "mhux eżawrjenti" sempliċement ifisser li l-listi ma jirrepetux it-testi sħaħ tal-ftehimiet sottostanti. Barra minn hekk, il-Put Option ma tegħlibx l-ammonti massimi speċifikati fil-Ftehim ta' l-Indennità billi din marbuta biss ma' klejms speċifiċi tal-Ftehim ta' l-Indennità u hija stess hija limitata.
- (46) Il-kunċett tal-Kummissjoni ta' "applikabilità wara" kif applikat fid-deċiżjoni ta' l-14 ta' Lulju 2004 ifisser li litigazzjoni pendenti jew mhedda biss tista' titqies li mhijiex applikabbli wara l-adeżjoni. Madankollu, anki jekk din l-interpretazzjoni dejqa tiġi applikata, GECB iqis li erba' klejms individwali li joħorġu mill-Klawżola 4.1 tal-Ftehim ta' l-Indennità jissodisfaw bis-sħiħ it-test tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-klejms tat-taxxa taħt il-Klawżola 2.14(c),(d) u (e) jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kummissjoni billi l-kwerelant futur (l-awtoritajiet Ċeki) huwa magħruf minħabba n-natura ta' dawn il-klejms.
- (47) Ukoll, il-Put Option ma tkunx "applikabbli wara l-adeżjoni" billi l-avvenimenti li jistgħu iwasslu għall-eżerċizzju tiegħu kienu definiti b'mod ċar u l-put price kien iddeterminat b'mod ċar. Fir-rigward ta' l-avvenimenti li jistgħu jwasslu għall-eżerċizzju tiegħu, il-Put Option ikun definit biżżejjed għallinqas safejn jikkonċerna l-erba' klejms dwar il-validità elenkati speċifikament. Dwar il-put price, GECB jirreferi għall-każ ta' *Ceska sportelna* fejn il-Kummissjoni qieset li dejn subordinat u self soċjali mhumix applikabbli wara l-adeżjoni.

4.2. Kummenti minn GECB

- (43) GECB iressaq argumenti simili għal dawk imressqa mill-awtoritajiet Ċeki u jikkontesta l-applikabilità tal-miżuri kif ukoll in-natura tagħhom ta' "għajjnuna". Jekk il-miżuri jikkostitwixxu għajjnuna, huwa jargumenta li din l-għajjnuna hija kompatibbli mas-suq komuni.
- (44) GECB jinnota li minn sitta sa tmien snin qabel l-adeżjoni l-partijiet ma setgħux jipprevedu li se jiġi introdott mekkaniżmu interim biex jikkontrolla l-għajjnuna statali qabel l-adeżjoni. Il-Kummissjoni missha qieset dan il-fatt hija u tinterpreta l-kunċett ta' l-applikabilità wara u hija u tapplika r-regoli dwar l-għajjnuna statali.
- (45) Alternattivament, jekk il-Garanziji u l-Indennitajiet u l-Put Option kienu "applikabbli wara", dawn ma jikkonstitwixxu għajjnuna statali minħabba li CNB kellu jitqies sid *de facto* ta' AGB u li kellu interess finanzjarju fil-bejgħ ta' AGB. Ukoll, il-Garanziji u l-Indennitajiet u l-Put Option ġew innegożjati bejn il-partijiet u kienu riflessi fil-prezz imħallas minn GECB. Apparti dan, il-miżuri ma jkunux selettivi minħabba li kienu disponibbli għall-appaltaturi kollha. Ma jkunx hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni billi GECB ħallas il-prezz tas-suq wara offerta mhux kundizzjonali u trasparenti u ma jkunx hemm effett fuq il-kummerċ billi ebda bank ieħor ma kien interessat fis-sehem ta' AGB mis-suq bankarju Ċek.

- (49) Dwar il-kompatibilità tal-miżuri, GECB iqis li kwalunkwe għajjnuna tkun kompatibbli taħt l-Artikolu 87(2)(b) KE u l-Artikolu 87(3)(b) KE, u fid-dawl tal-Linji ta' Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar.
- (50) GECB iqis li l-Artikolu 87(2)(b) KE japplika fil-kuntast attwali billi hemm theddida serja għall-istabbiltà tas-settur bankarju kollu li ressaq qrib diżastru naturali. Ukoll, l-Artikolu 87(3)(b) KE japplika għaliex il-Kummissjoni diġà kkwalifikat kriżi sistematika tas-settur bankarju potenzjalment bħala "disturb serju fl-ekonomija ta' Stat Membru". Ir-reqwiżit li l-għajjnuna teħtieġ tingħata b'mod newtrali lill-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha kienet tkun sodisfatta fir-Repubblika Ċeka billi s-settur bankarju kollu kien fi kriżi u l-banek kollha kienu megħjuna mill-Istat.
- (51) Dwar il-Linji ta' Gwida ta' l-1994, GECB jinnota li l-Kummissjoni tkun qed testendi l-ġurisdizzjoni tagħha hija u tħares mhux biss lejn dawk il-miżuri li huma applikabbli wara l-adeżjoni hija u tevalwa l-kompatibilità iżda r-ristrutturar sħiħ. Dwar il-benefiċċjarji ta' l-għajjnuna, il-Linji ta' Gwida ta' l-1994 ma fihomx limitazzjoni stretta għal kumpaniji li għadhom kemm inħolqu. Ukoll, il-Kummissjoni ma kinitx applikat il-projbizzjoni kontra l-għajjnuna ta' ristrutturar lil kumpaniji li kienu għadhom jinħolqu fil-Ġermanja tal-Lvant. In-nota 10 tal-Linji ta' Gwida Komunitarji ta' l-1999 dwar l-għajjnuna statali għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' kumpaniji fid-diffikultà ⁽¹⁾ ("il-Linja ta' Gwida ta' l-1999") isemmu dan il-punt b'mod espliċitu.
- (52) GECB jgħid ukoll li l-Kummissjoni ma setgħetx tirrikjedi pjan ta' ristrutturar sħiħ fil-każ attwali billi ma kienx possibbli li jiġi previst dan ir-reqwiżit meta nġataw il-miżuri. Barra minn hekk, ma kienx hemm distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni minħabba li l-Linji ta' Gwida ta' l-1999 isemmu espliċitament li f'żoni megħjuna, bħar-Repubblika Ċeka, il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' l-għajjnuna setgħu jkunu inqas stretti fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' miżuri kompensatorji sabiex titqies is-severità tal-problemi reġjonali. Fl-aħħarnett, GECB jgħid li l-proporzjoni ta' l-adegwatezza kapitali ta' GECB hija stess ma tkunx tippermetti l-konklużjoni li l-għajjnuna ma kinitx fi proporzjon ma' l-ispejjeż ta' ristrutturar u l-benefiċċji. Il-proporzjon għoli ta' adegwatezza kapitali iżda jirrifletti l-politika konservattiva ta' kreditu ta' GE.
- mogħtija qabel l-adeżjoni u GECB b'mod partikolari jisħaq li l-Kummissjoni tkun qed tapplika l-liġi b'mod retroattiv u toħloq eċċezzjoni għar-regola preċedentement aċċettata li l-għajjnuna ta' qabel l-adeżjoni mogħtija minn Stat Membru qabel l-adeżjoni tikkwalifika bħala għajjnuna eżistenti.
- (54) L-Anness IV.3.(1) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni jiddefinixxi tliet kategoriji biss ta' miżuri bħala għajjnuna eżistenti:
- (a) dawk li daħlu f'effett qabel l-10 ta' Diċembru 1994
- (b) dawk li – wara li ġew eżaminati mill-Kummissjoni – ġew inklużi fil-lista annessa mat-Trattat ta' l-Adeżjoni u
- (ċ) dawk li jkunu approvati taħt l-hekk imsejjaħ mekkaniżmu *interim*.
- Il-miżuri kollha li għadhom japplikaw wara d-data ta' l-adeżjoni, li jikkostitwixxu għajjnuna statali u ma jaqgħux taħt waħda minn dawn it-tliet kategoriji, jitqiesu bħala għajjnuna ġdida ma' l-adeżjoni; il-Kummissjoni, għalhekk, għandha setgħa sħiħa biex tipprojbixxi l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri u biex tordna l-irkupru ta' kwalunkwe somma li tħallset taħtom wara l-adeżjoni. Din l-applikazzjoni tar-regoli ta' l-għajjnuna statali għall-effetti futuri ta' miżuri li għadhom applikabbli wara l-adeżjoni, ma tfissirx applikazzjoni retroattiva tar-regoli tal-KE dwar l-għajjnuna statali u, fi kwalunkwe każ, hija mandata mill-Att ta' l-Adeżjoni.
- (55) L-Anness IV.3.(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni jistipula l-mekkaniżmu *interim*. Dan jipprovdi qafas legali għall-evalwazzjoni ta' skemi ta' għajjnuna u miżuri individwali ta' għajjnuna implimentati minn Stat Membru ġdid qabel id-data ta' l-adeżjoni u li jkunu għadhom applikabbli wara l-adeżjoni.
- (56) Biex miżura titqies applikabbli wara l-adeżjoni, għandha turi li tista' tipproduċi benefiċċju addizzjonali li mhux magħruf, jew mhux magħruf eżatt, meta l-għajjnuna kienet ingħatat. Min-naħa l-oħra, is-setgħa ta' revizzjoni tal-Kummissjoni taħt il-mekkaniżmu *interim* mhijiex applikabbli fir-rigward ta' miżuri ta' għajjnuna li diġi nġataw b'mod finali u mhux kondizzjonali għal ammont speċifiku qabel l-adeżjoni.

5. EVALWAZZJONI

5.1. Applikabilità wara l-adeżjoni

- (53) Kif imsemmi hawn fuq, ir-Repubblika Ċeka u GECB jikkontestaw is-setgħa tal-Kummissjoni li tirrevedi miżuri

⁽¹⁾ ĠU C 288, 9.10.1999, p. 2.

(57) Arranġamenti ta' garanzija ma' ħlasijiet possibbli li jseħħu wara l-adeżjoni jitqiesu li ma jaqgħux fid-definizzjoni ta' "applikabilità wara" sakemm jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin ⁽¹⁾:

(a) il-fatti li jagħtu lok għar-riskji koperti huma definiti preċiżament u inklużi f'lista eżawrjenti magħluqa sad-data ta' l-adeżjoni,

(b) hemm limitu globali u limitu ta' żmien għall-ħlasijiet li l-Istat jista' jwettaq; u

(ċ) il-garanzija/indennità hija marbuta ma' avvenimenti li diġà seħħu sad-data ta' l-għoti ta' din il-garanzija/indennità u mhux għal avvenimenti fil-ġejjieni.

Evalwazzjoni

(58) Kif stabbilit fid-Deċiżjoni tagħha ta' l-14 ta' Lulju 2004, il-Kummissjoni tqis il-Garanziji u l-Indennitajiet kollha kif ukoll il-Put Option li fuqhom il-Kummissjoni fetthet il-proċedura formali ta' investigazzjoni bħala applikabbli wara l-adeżjoni. Billi l-Kummissjoni sabet li dawn il-miżuri kollha huma applikabbli wara l-adeżjoni, għaldaqstant, ir-rinunzja sussegwenti dwar ċerti Garanziji u Indennitajiet li għamlu GECIH u GECB ma jstgħux ineħħu l-effetti ta' dawn il-Garanziji u l-Indennitajiet kif stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Lulju 2004 sakemm baqgħu fis-seħħ wara l-adeżjoni.

(59) Madankollu, il-Kummissjoni ttenni u tikkonferma din isejba dwar "applikabilità wara" għal dawk il-miżuri kollha elenkati fit-tabelli fil-premessa (26). Bi tweġiba għall-argumenti mqajma kontra d-deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni l-ewwel għandha dawn ir-rimarki ġenerali:

(60) Ir-Repubblika Ċeka u GECB jistqarru li l-klejms potenzjali huma elenkati b'mod eżawrjenti fin-notifika u li l-esponiment finanzjarju massimu tar-Repubblika Ċeka huwa definit fiha. Madankollu, minkejja li l-listi jstgħu jinkludu r-raġunijiet potenzjali għall-klejms, dawn ir-raġunijiet huma, bi ftit eċċezzjonijiet, kif spjegati hawn isfel – deskritti f'termini astratti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li sempliċi limitu mingħajr ma jiġu elenkati l-avvenimenti speċifiċi li jstgħu jagħtu lok għal indennità ma jorbotx il-ħlas ta' l-indennità wara l-adeżjoni ma' avveniment speċifiku li kien identifikat finalment u bla kundizzjonijiet qabel l-adeżjoni. L-Istat, f'ċerti aspetti, teoretika-

ment illimita l-esponiment finanzjarju, iżda ma ddeterminax b'mod ċar il-fatti speċifiċi li jagħtu lok direttament għall-ħlasijiet.

(61) Bil-maqlub għal kif jargumentaw ir-Repubblika Ċeka u GECB, din hija l-linja meħuda fil-każijiet dwar *Komerční banka* ⁽²⁾ u *Ceska sporitelna* ⁽³⁾. F'dawn il-każijiet, il-garanziji li ġew iddikjarati li mhumiex applikabbli wara l-adeżjoni, issodisfaw il-kriterji elenkati hawn fuq billi l-garanziji kkonċernaw għadd iddefinit sewwa u magħluq ta' assi ring-fenced, identifikati b'mod preċiż u eżawrjenti qabel l-adeżjoni, li l-valur tagħhom kien iggarantit mill-Istat. Ukoll, fil-każ ta' *Slovenska sporitelna* ⁽⁴⁾, l-indennità tal-litigazzjoni kkonċernat litigazzjoni speċifika pendenti jew mhedda li ġiet inkluża f'lista eżawrjenti u li torbot fil-liġi.

(62) Barra minn hekk, kif spjegat hawn taħt, l-esponiment finanzjarju tar-Repubblika Ċeka mhumiex limitat biżżejjed fir-rigward ta' l-indennitajiet dwar il-validità tal-bejgħ fil-Klawżola 4.1 tal-Ftehim ta' l-Indennità kif ukoll il-Put Option.

Rimarki speċifiċi dwar ċerti miżuri individwali

Indennità għal kwistjonijiet tat-taxxa u obbligi tad-dwana u s-sisa (it-Tabella 2 Nru 1, 3 u 5)

(63) Ir-Repubblika Ċeka u GECB jargumentaw li l-indennità għal kwistjonijiet tat-taxxa jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kummissjoni biex miżura titqies li mhijiex applikabbli wara l-adeżjoni billi l-kwerelant futur (l-awtoritajiet Ċeki) ikun magħruf minħabba n-natura ta' dawn il-klejms.

(64) Il-Kummissjoni tqis li, jekk dan ir-raġunament huwa validu, dan japplika mhux biss għal kwistjonijiet tat-taxxa iżda wkoll għall-indennitajiet għal obbligi tad-dwana u tas-sisa. Madankollu, l-indennitajiet għal kwistjonijiet tat-taxxa kif ukoll għal obbligi tad-dwana u tas-sisa taħt il-Klawżoli 2.14(ċ), (d) u (e) kif ukoll il-Klawżola 5.1(a)(iv) mhumiex speċifikati biżżejjed. Klejm għal indennità hija definita biżżejjed jekk il-kwerelant potenzjali u l-avveniment sottostanti jiġu deskritti speċifikament. Fil-każ preżenti, għadd mhux limitat ta' klejms jstgħu jitressqu għal indennità u għalhekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jstgħux jitqiesu li jidentifikaw l-esponiment tar-Repubblika Ċeka. Il-Kummissjoni għalhekk qieset u għadha tqis li l-indennitajiet għal kwistjonijiet tat-taxxa u obbligi tad-dwana u tas-sisa huma applikabbli wara l-adeżjoni.

⁽¹⁾ Il-kriterji huma elenkati fittra lir-Repubblika Ċeka bid-data tad-19 ta' Marzu 2004. L-għan ta' l-ittra huwa li ttiprovdi iktar gwida dwar il-kunċett ta' "applikabilità wara" fir-rigward ta' l-indennitajiet u l-miżuri komparabbli.

⁽²⁾ ĠU C 72, 23.3.2004, p. 9. *Corrigendum* ippubblikat fil-ĠU C 104, 30.4.2004, p. 70.

⁽³⁾ ĠU C 195, 31.7.2004, p. 2.

⁽⁴⁾ ĠU C 137, ta' 4.6.2005, p. 4.

Klejms taħt il-Klawżola 4.1 tal-Ftehim ta' l-Indennità (it-Tabella 1 Nru 5-9)

- (65) Il-klejms kif deskritti fit-Tabella 1 Nru 9 jikkonċernaw l-indennitajiet fil-każ li l-bejgħ ta' AGB1 lil GECB jinstab li kien null jew invalidu. L-azzjonijiet potenzjali li jwasslu għal dan ir-riżultat huma deskritti f'termini ġenerali u għalhekk ma jillimitawx l-esponiment finanzjarju tar-Repubblika Ċeka. Anki jekk xi wħud mill-gruppi tar-rikorrenti potenzjali - bħall-azzjonisti ta' AGB f'waqt partikolari - tqiesu li jirrappreżentaw grupp magħluq ta' individwi; minkejja li l-gruppi huma kbar ħafna u li suppost ikopru wkoll is-suċċessuri legali ta' l-individwi, il-klejms li tressqu minn dawn il-gruppi ta' individwi mhumiex speċifikati għalhekk għadd mhux limitat ta' klejms potenzjali jistgħu jsiru. Minħabba dan, ir-riskju tar-Repubblika Ċeka ma jistax jiġi kkwalifikat li huwa ddefinit preċiżament.
- (66) Dwar l-erba' klejms taħt il-Klawżola 4.1 tal-Ftehim ta' Indennità elenkati fin-Nri 5, 6, 7 u 8 tat-Tabella 1, il-Kummissjoni tqis li anki jekk kienu ddefiniti biżżejjed fis-sens ta' l-ewwel kriterju muri hawn fuq, billi dawn il-klejms jirreferu għal azzjonijiet individwali li jitressqu minn rikorrenti identifikati, ir-reqwizit ta' limitu ġenerali fuq ir-responsabilità ta' l-Istat mhumiex sodisfatt. Dan huwa l-każ għall-klejms kollha taħt il-Klawżola 4.1 tal-Ftehim ta' l-Indennità kif elenkat fit-Tabella 1 Nru 5, 6, 7, 8 u 9.
- (67) L-esponiment finanzjarju potenzjali ta' CNB jidher limitat għall-ammont ta' CZK 15 000 miljun għal kull indennità elenkata separatament taħt il-Klawżola 4.1 tal-Ftehim ta' l-Indennità. Dan il-limitu madankollu jitneħħa mill-fatt li GECIH jista' jeżerċita l-Put Option fil-każ li CNB jirrifjuta li jagħmel ħlasijiet 'il fuq minn CZK 2 000 miljun. Fil-każ li CNB jirrifjuta li jagħmel ħlasijiet 'il fuq minn dan il-livell, GECIH huwa intitolat jeżerċita l-Put Option. Dan jista' jġiegħel lil CNB jagħmel il-ħlasijiet anki 'l fuq mill-limitu għal indennità elenkata separatament prevista taħt il-Klawżola 4.1 tal-Ftehim ta' l-Indennità ta' CZK 15 000 miljun sabiex jevita li jiġi eżerċitat il-Put Option. Kif se jiġi deskritt hawn taħt, il-Put Option mhijiex definita u limitata fiha nnifisha biżżejjed.
- (68) Il-Kummissjoni, għalhekk, tqis il-Klawżola 4.1 tal-Ftehim ta' l-Indennità kif deskritta fin-Nri 5, 6, 7, 8 u 9 tat-Tabella 1 bħala applikabbli wara l-adeżjoni.
- Il-Put Option*
- (69) Kif spjegat hawn fuq, fil-prinċipju għad baqa' żewġ tipi ta' avvenimenti li taħtom tista' tiġi eżerċitata l-Put Option. L-ewwel waħda hija deċiżjoni jew ġudizzju li tordna jew tiddikjara l-bejgħ ta' AGB1 lil GECB bħala nulla jew invalida. It-tieni avveniment li jwassal għall-eżerċizzju tal-Put Option hija rifjut mis-CNB li jagħmel ħlasijiet 'il fuq minn CZK 2 000 miljun fir-rigward ta' klejms ta' validità taħt il-Klawżola 4.1 tal-Ftehim ta' l-Indennità.
- (70) Dawn l-avvenimenti potenzjali li jwasslu għall-Put Option ma huma b'ebda mod speċifikati b'referenza għal għadd limitat ta' persuni li jistgħu jressqu tali klejms sabiex jiġu identifikati bil-quddiem il-proċedimenti tal-qorti li potenzjalment iwasslu għal sejba ta' invalidità eċċ. tal-bejgħ ta' AGB1 lil GECB. B'konsegwenza, ir-riskji tar-Repubblika Ċeka mhumiex definiti biżżejjed u identifikati b'mod ċar.
- (71) Barra minn hekk, l-esponiment tar-Repubblika Ċeka mhumiex limitat. Fil-każ ta' *Ceska sporitelna*, il-Kummissjoni qieset l-esponiment tar-Repubblika Ċeka fir-rigward tal-kumpens għal self soċjali bħala definit biżżejjed fejn il-kumpens ġie determinat mid-differenza bejn "ir-rata tal-kuntratt għas-self soċjali" u l-Prague Interbank Offered Rate flimkien ma' perċentwal fiss u ħlas fiss kull kont fis-sena. Madankollu, f'dak il-każ, il-varjabbli kienu limitati għal sempliċi indikar ma' benchmark tas-suq wieħed u ma setgħux ikunu influwenzati mill-benefiċjarju.
- (72) Fil-każ preżenti, il-Put Price huwa ddetminat mill-ikbar wieħed minn dawn li ġejjin:
- (a) l-ammont aġġustat ta' likwidazzjoni;
- (b) il-valur nett ta' l-assi ta' GECB mid-data li fiha ġie ddetminat il-put price;
- (ċ) il-valur tas-suq ġust ta' GECB mid-data li fiha ġie ddetminat il-put price.
- (73) Ir-Repubblika Ċeka infurmat lill-Kummissjoni li fi kwalunkwe każ, id-determinazzjoni se ssir permezz ta' espert indipendenti li s-sejbiet tiegħu jorbtu lill-partijiet.
- (74) Minkejja l-involviment ta' espert indipendenti, li fors i jagħmel evalwazzjoni iktar oġġettiva, il-Kummissjoni tqis li l-metodu nnifsu għad-determinazzjoni tal-prezz ma jistabbilix limitu għall-esponiment finanzjarju tar-Repubblika Ċeka. Il-metodi li bihom il-prezz jiġi ddetminat jirreferu għal parametri li huma influwenzati mir-rendiment tan-negozju ta' GECIH u GECB.
- (75) Barra minn hekk, il-prezz pagabbli taħt il-Put Option jiġi stabbilit permezz ta' kalkolu kumpless, li jinkludi varjabbli li ma kinux ċerti fil-waqt tal-qbil dwar il-miżuri, mhux ċerti fil-waqt ta' l-adeżjoni u li se jkomplu jinbidlu maż-żmien. Għaldaqstant, il-prezz pagabbli taħt il-Put Option se jiddependi fuq elementi inċerti soġġetti għal żviluppi futuri u jista' jiġi ddetminat biss f'data speċifika wara l-adeżjoni.

(76) Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, l-esponiment potenzjali ta' CNB mhuwiex definit biżżejjed permezz ta' formola. B'konsegwenza ta' dan kollu, il-Put Option titqies li hija applikabbli wara l-adeżjoni.

għandu jitqies bħala s-sid *de facto* ta' AGB billi skond il-liġi Ċeka, l-amministratur infurzat jinħatar minn CNB u għandu jkun impjegat ta' CNB. Apparti dan, l-arranġamenti tal-garanzija jirrappreżentaw prassi kummerċjali standard li ġiet riflessa fil-prezz imħallas għal AGB1.

Konklużjonijiet dwar l-applikabilità "wara"

(77) Skond dan, il-Kummissjoni tikkonferma d-Deċiżjoni tagħha ta' l-14 ta' Lulju 2004 dwar l-applikabilità wara tal-miżuri li fuqha fetħet il-proċedura formali ta' investigazzjoni u tqis li dawn il-miżuri kollha huma applikabbli wara l-adeżjoni. Dawn huma l-Garanziji u l-Indennitajiet elenkati fit-Tabelli 1, 2, 3 u 4 kif ukoll il-Put Option.

(81) Il-Kummissjoni tqis li fl-aġir bħala amministratur infurzat, CNB ma tistax titqies sid *de facto* tal-bank. Minflok, AGB f'amministrazzjoni nferzata baqa' sid in-negozju bankarju. Amministratur infurzat jista' jkollu s-setgħa jbiegħ il-bank iżda jkun qed jaġixxi fisem il-bank. CNB għalhekk aġixxa biex jiffaċilita l-bejgħ ta' bank privat lil bank privat ieħor.

5.2. In-natura ta' għajjnuna statali

(78) L-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE jiddikjara li kwalunkwe għajjnuna mogħtija permezz tar-riżorsi ta' l-Istat lil impriżi speċifiċi, tkun inkompatibbli mas-suq komuni jekk din l-għajjnuna tfixxkel jew tħedded li tfixxkel il-kompetizzjoni sa fejn din taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(82) Il-Kummissjoni ma tqisx li l-akkwist tal-Garanzija tad-Depożitur mix-xerrej jista' jkun raġuni biżżejjed għal operatur razzjonali tas-suq biex jidħol fil-Garanziji u l-Indennitajiet u l-Put Option. Ir-Repubblika Ċeka nnifisha stqarret espliċitament fl-Evalwazzjoni pprovduta man-notifika li "CNB qatt ma stenna li jħallas taħt il-Garanzija". Il-miżura kienet maħsuba biss għall-iskop "psikoloġiku" li jiġi kkalimat il-pubbliku. Fil-fatt, ir-Repubblika Ċeka stqarret li l-Garanzija tad-Depożitur li nġhatat minn CNB fis-17 ta' Settembru 1996 qatt ma ntużat u sakemm AGB1 inbiegħ lil GECB probabbli deher li aktarx mhux se jsiru klejms taħt il-Garanzija tad-Depożitur.

Riżorsi statali

(79) Permezz tal-Ftehim ta' l-Indennità is-CNB, bħala entità pubblika, tiggarantixxi l-impenji li ħa AGB fil-Ftehim ta' Garanzija vis-à-vis GECB u GECIH. Għalhekk, l-arranġamenti ta' garanzija jinvolvu r-riżorsi statali. Ukoll fir-rigward tal-Put Option, hemm involuti r-riżorsi statali billi s-CNB impenja ruħu li jakkwista l-ishma kollha f'GECB fil-każ li GECIH jeżerċita l-Put Option.

(83) Fir-rigward tal-Put Option, ir-Repubblika Ċeka u GECB jargumentaw li fi kwalunkwe każ ma tirrappreżentaw vantaġġ effettiv iżda tista' ssir vantaġġ ladarba tiġi eżerċitata. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-Put Option, mill-jum li tingħata, tinvolvi dritt b'valur lil GECB. Bl-istess mod bħal garanzija, il-vantaġġ ta' Put Option joħroġ mhux biss meta l-Put Option tkun eżerċitata (il-garanzija tintuża) iżda bl-ġhoti tal-miżura ⁽¹⁾.

Vantaġġ ekonomiku

(80) Ir-Repubblika Ċeka u GECB jisħqu li l-miżuri mħumiex għajjnuna statali billi biex l-Istat jillikwida l-AGB kien iqumli iktar milli biex jadotta l-miżuri li ħa biex jiffaċilita l-bejgħ. Partikolarment, CNB kien ikun obbligat that il-Garanzija tad-Depożitur imsemmija fil-premessa (14), li jirrimborża l-kredituri ta' AGB. Kieku AGB ma ġie ristrukturat, l-Istat Ċek kien ikollu jġarrab spejjeż għoljin taħt dik il-garanzija. GECB jargumenta wkoll li CNB

(84) Il-partijiet għall-Ftehim ta' l-Indennità kienu CNB, GECB u GECIH. Il-partijiet għall-Att tal-Put Option kienu CNB u GECIH. GECB, GECIH kif ukoll AGB bħala l-bejgħ ta' AGB1 u n-negozju bankarju ta' AGB1 li kien proprjetà ta' AGB qabel it-22 ta' Ġunju 1998 u ta' GECB wara, huma għalhekk benefiċjarji potenzjali tal-miżuri.

⁽¹⁾ Għall-garanziji ara l-punt 2.1.2 ta' l-avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajjnuna statali fl-għamla ta' garanziji (ĠU C 71, 11.3.2000, p. 14).

Vantaġġ lil AGB

(85) Anki jekk AGB bħala l-bejjiegħ ta' AGB1 kien parti miż-żewġ ftehimiet, huwa ħa benefiċċju minnhom billi dawn ippermettulu jbiegħ in-negozju bankarju – il-possibilità li jbiegħu jew għallinqas għal prezz tax-xiri li kien ogħla minn dak li kien jieħu mingħajr il-garanziji u l-Put Option mogħtija minn CNB. AGB ma ħallas ebda remunerazzjoni u CNB ma kien b'ebda mod obligat fil-konfront tal-partijiet li jidħol fil-Ftehim ta' l-Indennità u l-Att tal-Put Option. Minflok, fid-dawl tal-kriżi bankarja fir-Repubblika Ċeka, l-iskop ta' CNB fl-għoti tal-miżuri kien li jirristruttura n-negozju bankarju ta' AGB sabiex jevita konsegwenzi negattivi għall-ekonomija Ċeka kollha kemm hi.

(86) Il-fatt li ċerti garanziji u indennitajiet jistgħu jkunu standard f'kuntratti tal-bejgħ u x-xiri ma jibdilx in-natura vantaġġuża ta' dawn il-miżuri. L-Att tal-Garanziji bejn il-bejjiegħ AGB u x-xerrej GECB/GECIH jista' jkun ta' natura standard. Il-Ftehim ta' l-Indennità, li huwa kontro-garanzija statali b'firxa wiesgħa, u l-Put Option mogħtija biex jiffaċilitaw il-bejgħ ta' negozju privat huma, madankollu, prassi mhux standard u jinvolvu benefiċċji finanzjarji għall-bejjiegħ u n-negozju mibjugħ.

(87) Fir-rigward tal-Put Option, ir-Repubblika Ċeka u GECB jargumentaw li n-natura partikolari tagħha ma tippermettix evalwazzjoni tan-natura ta' għajjnuna statali issa, billi l-prezz tax-xiri li GECB jista' jinbiegħ lil CNB se jkun iddeterminat biss fil-ġejjieni. Din, madankollu, hija sempliċement kwistjoni ta' kwantifikazzjoni u ma tnaqqasx mill-fatt li l-Put Option tirrappreżenta vantaġġ finanzjarju immedjat lil AGB. Mhuwiex meħtieġ li dan il-vantaġġ jiġi kkwantifikat eżattament, li hija d-differenza tal-prezz tax-xiri mħallas minn GECB u l-prezz li AGB kien jikseb għall-bejgħ tan-negozju bankarju ta' AGB1 mingħajr il-Put Option mogħtija minn CNB.

Vantaġġ lin-negozju bankarju ta' AGB1 u GECB u GECIH

(88) Fir-rigward tan-negozju bankarju ta' AGB, AGB1, li nbiegħ f'kuntratt ta' trasferiment ta' proprjetà lil GECB, il-Kummissjoni tqis li l-arranġamenti tal-garanzija u l-Put Option huma benefiċjali billi ppermettew lin-negozju ta'

AGB1 ikompli jaħdem. Il-fatt li n-negozju bankarju ta' AGB1 inbiegħ fi proċedura ta' offerti miftuħa u mhux kondizzjonali lil GECB, ma jneħħix mill-vantaġġi billi l-prezz tax-xiri għal AGB1 kien negattiv fis-sens li l-valur tal-miżuri ta' l-għajjnuna mogħtija lin-negozju bankarju ta' AGB kienu jisbqu l-ammont miksub mill-bejgħ tiegħu.

(89) Il-prezz tax-xiri ta' CZK 304 miljun ma kkompensawx lil CNB għall-miżura mogħtija fl-andament tar-ristrukturar billi CNB mhuwiex sid AGB1 u l-prezz tax-xiri ma tħallasx lil CNB iżda lix-xerrej (AGB).

(90) Ukoll, il-Kontro-Indennità li biha GECIH ħa fuqu l-obbligi ta' CNB taħt il-Garanzija tad-Depożitur ma għelbux il-miżuri mogħtija qabel minn CNB lil AGB. Fil-Ftehim ta' l-Indennità, GECB qabel li jieħu fuqu r-responsabilitajiet ta' CNB taħt il-Garanzija tad-Depożitur. Il-Garanzija tad-Depożitur hija garanzija li nħarġet minn CNB ma' l-impożizzjoni ta' l-amministrazzjoni nfurzata fuq AGB fis-17 ta' Settembru 1996 lejn il-kredituri u d-depożituri ta' AGB sabiex ikun evitata sitwazzjoni fejn ikun hemm irtirar qawwi ta' depożiti mill-klijenti. Il-miżura għet innotifikata mir-Repubblika Ċeka bil-proċedura tal-mekkaniżmu interim u għet iddikjarata li mhux applikabbli wara l-ażżjoni fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Lulju 2004. Il-Kummissjoni tqis li l-assunzjoni tar-responsabilitajiet ta' CNB skond il-Garanzija tad-Depożituri ma tikkompensax lil CNB għall-għoti tal-Garanziji u l-Indennitajiet u l-Put Option billi l-obbligi taħt il-Garanzija tad-Depożitur imorru lura għand CNB fil-każ li GECIH jeżerċita l-Put Option. Il-Kummissjoni għalhekk tqis li l-impenn ta' GECIH ma jistax jitqies bħala l-assunzjoni sħiħa ta' l-obbligi ta' CNB skond il-Garanzija tad-Depożituri. Barra minn hekk, sal-ħin tal-bejgħ ta' AGB1 f'Ġunju ta' l-1998, l-esponent finanzjarju ta' CNB li rriżulta mill-Garanzija tad-Depożituri (mogħtija fis-17 ta' Settembru 1996) kien negliġibbli billi l-possibilità ta' sitwazzjoni fejn ikun hemm irtirar qawwi ta' depożiti mill-klijenti kienet minima billi l-impożizzjoni ta' l-amministrazzjoni nfurzata fuq AGB kienet ilha kważi sentejn diġà. Ir-Repubblika Ċeka nnifisha qalet fin-notifika li CNB qatt ma stenna li jagħmel ħlasijiet taħt il-Garanzija tad-Depożituri. Sa meta GECB akkwista n-negozju ta' AGB1, ebda ħlasijiet ma kienu saru taħt il-Garanzija tad-Depożituri. Billi kien hemm biss esponent teoretiku ta' CNB, GECB ma jistax jargumenta raġonevolemment li dawn ikkumpensaw lil CNB billi ħadu fuqhom l-obbligi taħt il-Garanzija tad-Depożituri minflok il-Garanziji u l-Indennitajiet u l-Put Option.

(91) L-ammonti massimi tal-Garanziji u l-Indennità li fuqhom il-Kummissjoni fetħet il-proċedimenti jammontaw waħidhom għal CZK 126 000 miljun u għalhekk jisbqu sewwa kwalunkwe esponiment finanzjarju teoretiku taħt il-Garanzija tad-Depożituri kif ukoll il-prezz tax-xiri ta' CZK 304 miljuni. Il-Qorti ċċarat fil-każ *il-Ġermanja vs il-Kummissjoni* ⁽¹⁾ li proċedura ta' offerti miftuħa u mingħajr kundizzjonijiet ma tissodisfax it-test ta' l-investitur tas-suq privat u għalhekk hija għajnuna Statali meta negozju jinbiegħ bi prezz negattiv, u kien iqum inqas biex dak in-negozju jiġi llikwidat. Il-Kummissjoni għalhekk tqis li fil-każ preżenti, il-bejgħ mis-sidien tan-negozju bankarju ta' AGB1 għall-kont tagħhom stess ma jneħħix il-vantaġġi ekonomiċi; dawk ikkonċernati direttament hawnhekk ngħataw lil GECB mal-bejgħ ta' dak in-negozju. GECB u GECIH ibbenefikaw mill-Ftehim ta' Indennità u l-Att tal-Put Option billi kisbu d-drittijiet taħt dawk il-ftehimiet; huma kisbu dawn id-drittijiet għall-iskop li jippermettu ristrutturar ta' AGB1.

Riżultat

(92) Skond dan, il-Garanziji u l-Indennitajiet, u l-Put Option jinvolvu vantaġġi ekonomiċi għall-bejjiegħ (AGB) u GECB u l-kumpanija ewlenija tagħha GECIH għat-tħaddim tan-negozju bankarju ta' AGB1.

Selektività

(93) GECB jargumenta li l-Garanziji u l-Indennitajiet u l-Put Option ma kinux selettivi fi ħdan is-sens ta' l-Artikolu 87(1) KE billi kienu disponibbli lill-appaltaturi kollha għal AGB1. Dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat; il-miżuri kkonċernati kienu limitati speċifikament lixxerrej ta' AGB1 u għalhekk huma selettivi fin-natura tagħhom stess. Barra minn hekk, il-Ftehim ta' l-Indennità u l-Att tal-Put Option kienu nnegozjati b'mod individwali wara li GECB kien sar l-uniku appaltatur għal AGB1, l-istedina għall-offerti ma semmietx id-disponibilità tal-garanziji statali, u inqas issemmiet li l-istess garanziji se jkun disponibbli għal kull appaltatur li-miżuri għalhekk kienu selettivi.

Effetti ta' distorsjoni fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri

(94) Qabel ma' AGB daħal f'amministrazzjoni nfurzata, kien wieħed mill-akbar banek fir-Repubblika Ċeka. Fid-dawl

tal-fatt li AGB huwa fil-proċess ta' likwidazzjoni ma għadx hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-bejjiegħ (AGB). Madankollu, hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni fir-rigward tan-negozju bankarju ta' AGB1 li nbiegħ lil GECB. AGB1/GECB huwa attiv fir-Repubblika Ċeka kollha u jagħmel parti minn GE-group li huwa attur globali. L-awtoritajiet Ċeki nfushom jistqarru li banek mill-UE kienu qed iħarsu mill-qrib lejn is-suq Ċek għal skopijiet ta' investiment fiż-żmien rilevanti. Jekk in-negozju bankarju ta' AGB1 mar fil-likwidazzjoni, banek oħra Ewropej u mhux Ewropej setgħu kienu jistgħu jiksbu n-negozju li akkwista GECB. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kummissjoni tqis li l-arranġamenti ta' garanzija u l-Put Option għandhom effetti ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u għandhom effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri ⁽²⁾.

(95) B'konklużjoni, l-elementi kollha ta' l-Artikolu 87(1) KE huma sodisfatti, il-partijiet tal-Garanziji u l-Indennitajiet u l-Put Option li huma applikabbli wara l-ażżjoni jikkostitwixxu għajnuna statali fi ħdan it-tifsira tat-Trattat lil GECB, għall-iskop li jieħu f'idej in-negozju bankarju ta' AGB1.

6. IL-KOMPATIBILITÀ TA' L-GĦAJNUNA STATALI

6.1. L-Artikolu 87(2)(b) u l-Artikolu 87(3)(b) KE

(96) L-Artikoli 87(2) u (3) KE jstipula l-kundizzjonijiet li taħtom l-għajnuna hija kompatibbli jew tista' titqies li hija kompatibbli mas-suq komuni.

(97) Bil-maqlub għal kif jargumenta GECB, mhux possibbli li fil-każ preżenti jingħad li hemm ċirkostanzi eċċezzjonali jew xi ħaġa "qrib ħafna ta' diżastru naturali" skond l-Artikolu 87(2)(b) KE. Telf possibbli ta' fiduċja tal-pubbliku fis-sistema bankarja ma jistax jitqies bħala "diżastru naturali" fi ħdan it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni. Ukoll, il-kunċett ta' ċirkostanzi eċċezzjonali ma jkoprix it-telf finanzjarju kkawżat minn deċizzjonijiet kummerċjali ta' operaturi ekonomiċi. L-avvenimenti li waslu għall-għoti ta' l-għajnuna ma jstgħux jitqiesu li jikkostitwixxu ċirkostanzi mhux previsti u eċċezzjonali.

(98) Lanqas ma tista' l-għajnuna tiġi eżentata fuq il-bażi ta' l-Artikolu 87(3)(b). Ma kinitx parti minn skema settorjali applikata orizzontalment bl-istess mod lill-banek Ċeki kollha ⁽³⁾.

⁽¹⁾ Ġudizzju tat-28.1.2003, Każ C-334/99 *Il-Ġermanja vs il-Kummissjoni* [2003] ECR I-1139, paragrafu 142.

⁽²⁾ Dwar l-effett fuq il-kummerċ ta' l-għajnuna statali fis-settur bankarju, ara wkoll il-ġudizzju tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15.12.2006 fil-Każ C-148/04, *Unicredito Italiano SpA* [2005] ECR I-11137 paragrafi 53-64.

⁽³⁾ Qabel ir-raġunament fid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni ta' l-20 ta' Mejju 1998 dwar l-għajnuna mogħtija minn Franza lill-grupp Cr dit Lyonnais (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 28).

6.2. L-Artikolu 87(3)(ċ) KE u l-Linji ta' Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar

- (99) Billi l-għan ewlieni ta' l-ghajjnuna jikkonċerna r-restawr tal-vijabilità fit-tul ta' impriża f'diffikultà, hija biss l-eżenzjoni ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat tal-KE li tipprovdi għall-awtorizzazzjoni ta' l-ghajjnuna statali li hi mogħtija biex tippromwovi l-iżvilupp ta' ċerti setturi ekonomiċi, fejn din l-ghajjnuna ma taffettwax b'mod ħażin il-kundizzjonijiet kummerċjali sa punt li jmur kontra l-interess komuni.
- (100) Għal miżuri adottati qabel id-9 ta' Ottubru 1999, il-Linji ta' Gwida stipulaw il-kundizzjonijiet li taħthom din it-tip ta' ghajjnuna titqies li hija kompatibbli mas-suq komuni ⁽¹⁾. Il-ftehimiet dwar il-Garanziji u l-Indennitajiet u l-Put Option ġew iffirmati fil-21 u t-22 ta' Ġunju 1998 ⁽²⁾. Għalkemm, kif instab hawn fuq, daww il-miżuri għadhom applikabbli wara l-adeżjoni, u r-Repubblika Ċeka għadha tista' tagħti ghajjnuna li n-natura u l-ammont tagħha jkun sostanzjalment mhux definiti, dan isir skond miżuri adottati waqt li l-Linji ta' Gwida ta' l-1994 kienu għadhom fis-seħħ u għalhekk huwa xieraq li nqisuhom fid-dawl tal-Linji ta' Gwida ta' l-1994 ⁽³⁾.
- (101) Fid-deċizzjoni tagħha ta' l-14 ta' Lulju 2004, il-Kummissjoni ddeskriviet id-dubbi serji tagħha li r-rekwiżiti tal-Linji ta' Gwida ta' l-1994 ma ġewx issodisfati. Id-dubbi serji tal-Kummissjoni, partikolarment fir-rigward tat-twettiq tal-kriterji formali tal-Linji ta' Gwida, għadhom ma tneh-hewx.
- (102) Il-Kummissjoni għadha s-setgħa li tirrevedi biss daww il-miżuri ta' ghajjnuna li jitqiesu li huma applikabbli wara l-adeżjoni. Madankollu, sabiex tevalwa l-kompatibilità ta' l-ghajjnuna tar-ristrutturar, jinħtieġ li tiġi analizzata l-ġabra sħiħa ta' miżuri għar-ristrutturar. Fil-każ preżenti, hemm ġabra ta' intervenzjonijiet deċiża mill-awtoritajiet Ċeki. Dawn il-miżuri ta' ristrutturar kollha għandhom jitqiesu waqt l-evalwazzjoni tal-kompatibilità tal-miżuri li għadhom applikabbli wara l-adeżjoni fil-konfront tal-kriterji stipulati fil-Linji ta' Gwida ta' l-1994, bħar-restawr tal-vijabilità, il-proporzjonalità ta' l-ghajjnuna u l-evitar ta' distorsjonijiet mhux xierqa tal-kompetizzjoni.

Eliġibilità tal-kumpanija

- (103) Il-Linji ta' Gwida ta' l-1994 iqisu li kumpanija tkun f'diffikultà jekk ma tkunx tista' tirkupra permezz tar-riżorsi

⁽¹⁾ Skond il-punt 101(b) tal-Linji ta' Gwida ta' l-1999.

⁽²⁾ Ukoll, l-interventi l-oħra kollha li ġew innotifikati lill-Kummissjoni ġew adottati qabel id-9.10.1999. L-Emenda Nru 1 tal-Ftehim ta' l-Indennità mmodifika (u l-limita) biss il-miżuri mogħtija qabel.

⁽³⁾ Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi nnutat li l-Linji ta' Gwida ta' l-1999 huma bbażati fuq l-istess prinċipji bħal-Linji ta' Gwida ta' l-1994.

tagħha stess jew billi takkwista l-fondi li tkun teħtieġ mill-azzjonisti jew bis-self.

- (104) F'Settembru ta' l-1996, AGB kellu telf ta' CZK 8 487 miljun u l-interess kien fin-negattiv (CZK 5 476 miljun). Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, AGB (inkluż in-negożju bankarju li mbaġħad sar AGB1) ma setax jirkupra mingħajr intervenzjoni statali u għalhekk kien f'diffikultà fi ħdan it-tifsira tal-punt 2.1 tal-Linji ta' Gwida ta' l-1994. Madankollu, GEBC u GECIH ma kinux f'diffikultajiet finanzjarji; f'dan ir-rigward, ir-rekwiżiti tal-Linji ta' Gwida ta' l-1994 ma ġewx issodisfati.

Għajjnuna għas-salvataġġ

- (105) Il-Linji ta' Gwida ta' l-1994 jiddeskrivu l-ghajjnuna għas-salvataġġ bħala miżuri li temporanjament iżommu l-pożizzjoni ta' kumpanija li tkun qed taffaċċja deterjorament sostanzjali fil-pożizzjoni finanzjarja tagħha. Il-miżuri ġeneralment ma għandhomx idumu iktar minn perjodu ta' sitt xhur. Billi l-Garanziji u l-Indennitajiet u l-Put Option mhumiex temporanji u jdumu iktar minn perjodu ta' sitt xhur, l-ghajjnuna ma tikkwalifikax bħala ghajjnuna ta' salvataġġ skond il-punt 2.1 tal-Linji ta' Gwida ta' l-1994.

Għajjnuna għar-ristrutturar

Restawr tal-vijabilità (il-punt 3.2.2(i) tal-Linji ta' Gwida ta' l-1994)

- (106) Skond il-Linji ta' Gwida ta' l-1994, l-ghajjnuna tar-ristrutturar għadha tkun marbuta ma' programm vijabbli ta' ristrutturar/irkupru mressaq lill-Kummissjoni.
- (107) Ir-Repubblika Ċeka u GEBC jargumentaw li l-Kummissjoni ma tistax titlob pjan sħiħ u komprensiv ta' ristrutturar billi fiż-żmien li l-miżuri ġew adottati ma kienx previst li r-regoli ta' l-UE dwar l-ghajjnuna statali jiġu applikati. Barra minn hekk, ukoll f'każijiet oħra, partikolarment f'dik li kienet il-Ġermanja tal-Lvant, dan ir-rekwiżit ma kienx applikat strettament.
- (108) Il-pjan ta' ristrutturar imressaq bħala parti min-notifika għandu d-data ta' Diċembru 2003. Fl-1996, meta l-awtoritajiet Ċeki għall-ewwel darba bdew jimplementaw l-intervenzjonijiet fir-rigward ta' AGB, ma kienx jeżisti kunċett komprensiv għar-ristrutturar ta' AGB. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li dan ir-rekwiżit formali tal-Linji ta' Gwida ta' l-1994 ma ġiex sodisfatt.

(109) Fl-istess ħin għandu jiġi enfasizzat li l-ghajjnuna li dwarha nfetħu l-proċedimenti hija marbuta mal-bejgħ ta' AGB1 lil GECB. Għandu jiġi mfakkar f'dan il-kuntest li l-Kummissjoni tradizzjonalment tħares lejn it-trasferiment ta' impriża f'diffikultà taħt il-kontroll ta' investitur privat bħala element ċentrali biex jiġu sovuti d-diffikultajiet tal-passat u jkun possibbli l-iżvilupp ekonomiku pożittiv ta' impriża (jew in-negozju tagħha). Tabilħaqq, jista' jiġi preżunt li kumpanija għandha iktar possibbiltà li ssir vijabbli fit-tul jekk tgħaddi f'idejn sid privat ġdid b'biż-żejjed riżorsi biex jagħmel kontribut sostanzjali għar-ristrutturar tagħha. Għalhekk, minkejja li ebda pjan ta' ristrutturar fis-sens strett ma kien disponibbli meta sar il-bejgħ f'Ġunju ta' l-1998 (u *a fortiori* fl-1996), huwa ċar li l-previżjonijiet li għamel GE għall-iskopijiet tiegħu stess u l-miżuri ta' ristrutturar previsti f'dan il-kuntest kienu tali li jiżguraw il-vijabilità ta' AGB fit-tul. Minkejja li GECB/GECIH, bħala s-sid aħħari tan-negozju bankarju ta' AGB1, mhux fih innifsu impriża f'diffikultà, GECB ma kienx sid ta' AGB1 meta ltaqa' mad-diffikultajiet u ma kienx responsabbli għad-deterjorament ta' AGB1; iżda, ix-xiri minn GECB tan-negozju ppermetta li jiġi ristrutturatur, iżda dan ma kienx isir kieku l-isforzi ta' ristrutturatur ta' GECB/GECIH stess ma kinux appoġġjati mill-miżuri inklużi fil-Ftehim ta' l-Indennità u l-Put Option.

Evitar ta' distorsjonijiet mhux xierqa tal-kompetizzjoni (il-punt 3.2.2(ii) tal-Linji ta' Gwida ta' l-1994)

(110) Skond il-Linji ta' Gwida ta' l-1994, hija kundizzjoni ulterjuri li l-miżuri jittieħdu biex jingħelbu, kemm jista' jkun, l-effetti ħżiena fuq il-kompetituri. Dawn il-miżuri normalment jikkonsistu fit-tnaqqis jew l-għeluq tal-kapaċità. Madankollu, il-Linji ta' Gwida ta' l-1994, jgħidu li fejn ma hemmx eċċess strutturali ta' kapaċità f'suq rilevanti servit mill-benefiċjarju ta' l-ghajjnuna, il-Kummissjoni normalment ma tirrikjedix tnaqqis tal-kapaċità bi tpattija għall-ghajjnuna.

(111) Il-Kummissjoni hija sodisfatta li ma kienx hemm eċċess strutturali ta' kapaċità fuq is-suq bankarju Ċek fiż-żmien meta nġhatat l-ghajjnuna. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll li AGB ma baqax b'eċċess ta' flus li seta' jippermettiha tespandi l-kapaċità sal-punt meħtieġ biex tirrestawra l-vijabilità. Il-Kummissjoni tinnota li r-Repubblika Ċeka kienet tikkwalifika bis-siħ bħala żona meġhuna fiż-żmien li nġhatat l-ghajjnuna u dan jiġġustifika rilasament tal-kriterju ta' l-evitar ta' distorsjonijiet mhux xierqa tal-kompetizzjoni. Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni tosserva li ebda kompetituri ma għamlu kummenti wara l-ftuħ tal-proċedimenti. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li ebda kundizzjonijiet u obbligi ma kienu metħieġa fil-każ preżenti biex inaqqsu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni maħluqa mill-ghajjnuna.

Għajjnuna fi proporzjoni ma' l-ispejjeż ta' ristrutturatur u l-benefiċċji (il-punt 3.2.2(iii) tal-Linji ta' Gwida ta' l-1994)

(112) L-ammont u l-intensità ta' l-ghajjnuna għandhom ikunu limitati sal-punt minimu strett meħtieġ biex jippermetti ristrutturatur tal-kumpanija. Għalhekk, il-benefiċjarji ta' l-ghajjnuna huma mistennija jagħmlu kontribut sinifikanti lir-ristrutturatur mir-riżorsi tagħhom stess jew minn finanzjament kummerċjali esterni.

(113) Ir-Repubblika Ċeka qalet li GECB għamel bosta investimenti u passi operattivi ta' investment. Partikolarment, GECB ħallas CZK 206 miljun primarjament għal spejjeż ta' liċenzjamenti. Barra minn hekk, GECB investa direttament total ta' CZK 2 040 miljun bejn l-1998 u l-2002. Dawn l-investimenti marbuta ma' l-aġġornament tas-sistema ta' l-informazzjoni u s-sistema bankarja ta' GECB u spejjeż relatati ta' hardwer, kif ukoll l-iżvilupp ta' netwerk ta' ATM u fergħat. Ukoll, GECB investa fl-ottimizazzjoni tan-netwerk ta' fergħat, taħriġ ta' l-impjegati, appoġġ għall-ġestjoni u trasferiment ta' għarfien.

(114) Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija minn GECB, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li dawn l-ispejjeż huma marbuta mar-ristrutturatur ta' AGB1.

(115) Huwa diffiċli ħafna li jiġi kkwantifikat l-għotja ekwivalenti grossa tal-miżuri ta' l-ghajjnuna li hemm fl-Att tal-Garanzji u l-Ftehim ta' l-Indennitajiet, kif ukoll fil-Put Option, (speċjalment jekk jitqiesu l-avvenimenti li jwasslu għall-Put Option). Il-probabilità li jtiressqu xi klejms tidher li hija baxxa ħafna, jekk mhux xejn, f'ċerti każijiet (per eżempju kwistjonijiet ambjentali) u ogħla għal oħrajn (ara pereżempju t-tabella 1, il-klawżola Nru 9).

(116) Madankollu, għandu jiġi mfakkar li AGB1 inbiegħ permezz ta' proċedura miftuħa, mhux kundizzjonali u trasparenti li ma teskludix fil-każ preżenti l-eżistenza ta' l-ghajjnuna, iżda li normalment tiżgura li l-ghajjnuna li tingħata tkun il-minimu meħtieġ sabiex tippermetti l-bejgħ u konegwentement l-issoktar tan-negozju. Fi kwalunkwe każ, GECIH kien l-uniku appaltatur li għamel offerta għax-xiri ta' AGB1. Għaldaqstant, bejgħ lil GECB/GECIH soġġett għall-miżuri kkonċernati deher li huwa l-iktar mod sensibbli tar-ristrutturatur ta' AGB1.

- (117) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll li l-proporzjonijiet għolja ta' adegwatezza kapitali miksuba minn GECB mhumiex ikkawżati mill-Garanziji u l-Indennitajiet jew il-Put Option għax dawn il-miżuri ma għandhomx effett fuq il-kapital tal-bank stess.

Konklużjoni dwar il-Linji ta' Gwida ta' l-1994

- (118) Il-Kummissjoni tikkonkludi f'dan l-istadju li għalkemm il-kriterji tal-Linji ta' Gwida ta' l-1994 ma ġewx sodisfatti, l-ispirtu tal-Linji ta' Gwida għew irrispettati sostanzjalment fil-każ preżenti: il-bejgħ lil sid privat ġdid huwa mmirat b'mod ċar lejn ir-restawr tal-vijabilità fit-tul tal-bank; ma kienx hemm hteġa li jiġu imposti kundizzjonijiet u obbligi speċifiċi; l-għajjnuna mogħtija fil-waqt tal-bejgħ kien tabilħaqq il-minimu meħtieġ sabiex jinkiseb ir-ristrutturar fid-dawl tal-fatt li seħħet fi proċedura miftuħa, trasparenti u bla kundizzjonijiet.
- (119) Madankollu, partikolarment xi kriterji formali tal-Linji ta' Gwida ta' l-1994, li huma wkoll riflessi fil-Linji ta' Gwida ta' l-1999, ma ġewx sodisfatti. Għalhekk, jixraq li l-għajjnuna tiġi evalwata b'referenza għad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-liġi Komunitarja sabiex tittieħed konklużjoni dwar il-kompatibilità tagħha.

7. L-ARTIKOLU 87(3)(Ċ) KE TAT-TRATTAT U L-ARTIKOLU 46(2) TAL-FTEHIM TA' L-EWROPA

- (120) L-Artikolu 46(2) tal-Ftehim ta' l-Ewropa li kien fis-seħħ meta l-għajjnuna nġhatat jgħid hekk:

"Fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, deskritti fl-Anness XVIa, dan il-Ftehim ma jippreġudikax id-dritt tal-Partijiet li jadottaw miżuri meħtieġa għat-tweġiq tal-politika monetarja tal-Parti, jew għal raġunijiet ta' prudenza sabiex tkun żgurata l-protezzjoni ta' investituri, depożituri, detenturi ta' poloz, jew persuni li jkun dovut lilhom dazju fiduċjarju, jew biex ikunu żgurati l-integrità u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Dawn il-miżuri ma għandhomx jiddiskriminaw fuq bażi ta' nazzjonalità kontra kumpaniji jew ċittadini tal-Parti l-oħra meta mqabbel mal-kumpaniji u ċittadini tagħha."

- (121) Din id-dispożizzjoni ma tipprovdihi fiha nfisha bażi legali biex kwalunkwe miżura titqies bħala għajjnuna statali meħuda fil-kuntest tagħha mir-Repubblika Ċeka bħala kompatibbli mas-suq komuni. Madankollu, hija

qafas li, flimkien ma' l-elementi legali u fattwali l-oħra tal-każ, huwa rilevanti għall-evalwazzjoni tal-kompatibilità ta' l-għajjnuna mas-suq komuni.

- (122) Għandu jiġi enfasizzat f'dak ir-rigward, li l-każ preżenti ma jistax jittieħed fiżolament. Meta nġhatat l-għajjnuna, is-settur bankarju Ċek kollu kemm hu kien qed jaffaċċja diffikultajiet kbar u ħafna mill-banek kienu qrib il-falliment. Dan il-każ huwa tabilħaqq wieħed mis-16-il każ, kollha nnotifikati skond il-proċedura tal-mekkaniżmu *interim* ⁽¹⁾, li fihom l-Istat Ċek kellu jintervjeni sabiex jevita falliment sħiħ tas-settur bankarju sħiħ fir-Repubblika Ċeka. Dawn ikopru l-banek Ċeki ewlenin kollha.
- (123) F'dan il-kuntest, il-miżuri kkonċernati jimmiraw biċ-ċar lejn l-iżgurar ta' l-integrità u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tar-Repubblika Ċeka. Kienu wkoll meħtieġa għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tar-Repubblika Ċeka billi, mingħajrhom, il-banek kienu jispiċċaw. Tabilħaqq, dawn ittieħdu minn CNB fir-rwol tiegħu ta' awtorità superviżorja tas-settur finanzjarju. Ikopru l-biċċa l-kbira tas-servizzi finanzjarji msemmija fl-Anness XVIa tal-Ftehim ta' l-Ewropa. Ma rriżultawx f'diskriminazzjoni fuq il-baży ta' nazzjonalità.

⁽¹⁾ CZ 15/2003 – Komerční banka, a.s., data tad-deċiżjoni: 16.12.2003 (ĠU C 72, 23.3.2004, p. 9. *Corrigendum* ippublikat fil-ĠU C 104, 30.4.2004, p. 70).
 CZ 14/2003 – Česká spořitelna, a.s., data tad-deċiżjoni: 28.01.2004, (ĠU C 195, 31.7.2004, p. 2).
 CZ 47/2003 – eBanka, a.s., data tad-deċiżjoni: 3.3.2004, (ĠU C 115, 30.4.2004, p. 39).
 CZ 48/2003 – J&T BANKA, a.s. (sa l-24 ta' Ġunju 1998 Podnikatelská banka, a.s.), data tad-deċiżjoni: 3.3.2004, (ĠU C 115, 30.4.2004, p. 39).
 CZ 50/2003 – Ekoagrobanka, a.s. and Union banka, a.s., data tad-deċiżjoni: 3.3.2004 (ĠU C 115, 30.4.2004, p. 40).
 CZ 51/2003 – Pragobanka, a.s., data tad-deċiżjoni: 3.3.2004 (ĠU C 137, 4.6.2005, p. 4).
 CZ 52/2003 – Universal banka, data tad-deċiżjoni: 3.3.2004 (ĠU C 115, 30.4.2004, p. 40).
 CZ 53/2003 – Banka Haná, a.s., data tad-deċiżjoni: 3.3.2004 (ĠU C 242, 7.10.2006, p. 17).
 CZ 54/2003 – Foresbank, a.s., data tad-deċiżjoni: 3.3.2004 (ĠU C 242, 7.10.2006, p. 17).
 CZ 55/2003 – Moravia banka, a.s., data tad-deċiżjoni: 3.3.2004 (ĠU C 86, 8.4.2005, p. 10).
 CZ 56/2003 – COOP Banka, a.s., data tad-deċiżjoni: 3.3.2004 (ĠU C 137, 4.6.2005, p. 4).
 CZ 57/2003 – Bankovní dům Skala, a.s./Union Banka, a.s., data tad-deċiżjoni: 3.3.2004 (ĠU C 100, 24.4.2004, p. 23).
 CZ 58/2003 – Evrobanka, a.s., data tad-deċiżjoni: 3.3.2004 (ĠU C 115, 30.4.2004, p. 40).
 CZ 80/2004 – První městská banka, a.s., data tad-deċiżjoni: 19.5.2004 (ĠU C 137, 4.6.2005, p. 4).
 CZ 46/2003 – Investiční a poštovní banka, a.s./Československá obchodní banka, a.s. (IPB/ČSOB), data tad-deċiżjoni: 14.7.2004 (ĠU C 137, 4.6.2005, p. 4).

8. KONKLUŻJONI

(124) Jirriżulta minn hawn fuq li l-ghajjnuna mogħtija tul l-andament tal-bejgħ ta' AGB1 tiffirma parti minn miżuri b'firxa wiesgħa li ttieħdu sistematikament mir-Repubblika Ċeka sabiex jiġi evitat il-kollass tas-settur bankarju tagħha. B'hekk, l-awtoritajiet Ċeki, minkejja li ma jikkonformawx mat-termeni kollha tal-Linji ta' Gwida ta' l-1994, irrispettaw bis-sħiħ l-ispirtu u l-prinċipji sottostanti ta' dawn il-Linji ta' Gwida. Fil-waqt li tqiesu ċ-ċirkostanzi estremi li kienet qed taffaċċja r-Repubblika Ċeka fiż-żmien rilevanti u l-Artikolu 46(2) tal-Ftehim ta' l-Ewropa, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ghajjnuna, għalhekk, tista' titqies kompatibbli ma' l-Artikolu 87(3)(c) KE bħala ghajjnuna biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti ekonomiji ekonomiċi.

(125) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-indennità għal klejms elenkati fit-Tabelli 1 sa 4 stipulati fil-premessa (26) kif ukoll il-put option, huma ghajjnuna statali applikabbli wara l-adeżjoni u kompatibbli mas-suq komuni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ghajjnuna statali għal GE Capital Bank a.s. u GE Capital International Holdings Corporation, U.S.A. mill-1 ta' Mejju 2004 fl-

għamla ta' indennità għall-klejms elenkati fit-Tabelli 1, 2, 3 u 4, li hija bbażata fuq il-Ftehim ta' l-Indennità konkluż bejn Česká národní banka u GE Capital International Holdings Corporation, U.S.A. fit-22 ta' Ġunju 1998, kif emendat mill-Emenda Nru 1 tal-Ftehim ta' l-Indennità fil-25 ta' April 2004, u fl-għamla ta' Put Option ibbażata fuq l-Att tal-Put Option iffirmit minn Česká národní banka u GE Capital International Holdings Corporation, U.S.A. fit-22 ta' Ġunju 1998, hija kompatibbli mas-suq komuni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Lulju 2007.

Għall-Kummissjoni

Neelie KROES

Membru tal-Kummissjoni